MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Rikors Numru. 5/2009

**Norman Lowell**

**-vs-**

1. **Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja,**

2. **Direttur Qrati Ċivili u Tribunali,**

3. **Direttur Qrati u Tribunali Kriminali,**

4. **Avukat Ġenerali tar-Repubblika,**

5. **Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja w Affarijiet Interni;**

**6. Onorevoli Prim Ministru bħala Kap tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu r-rikorrent ppremetta:

1. Illi umilment qed jiġi mitlub li dan ir-Rikors Kostituzzjonali jiġi mismugħ u deċiż b'URĠENZA minħabba raġunijiet li jistgħu jaffettwaw il-parteċipazzjoni u s-sehem attiv tar-Rikorrenti NORMAN LOWELL li għandu tlieta u sittin sena bħala Kandidat f'isem il-Moviment IMPERIUM EUROPA jew xi nomenklatura alternattiva, fl-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fis-6 ta' Ġunju tas-sena kurrenti.

2. Illi nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tar-Repubblika ta' Malta ppresjedut mill-Onorevoli Imħallef David Scicluna, Appell Numru : 83/2008 – DS fl-ismijiet : "Il-Pulizija –vs- NORMAN LOWELL" tat Sentenza billi laqgħet il-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008, u ddikjarat l-Appell ta' Norman Lowell irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Illi b'hekk il-perjodu operattiv ta' erba' snin għall-finijiet ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 beda jiddikorri minn nhar l-Erbgħa, 15 t'Ottubru, 2008 stess filwaqt li dik l-Onorabbli Qorti ġibdet l-attenzjoni tar-Registratur għas-sub-artikolu (8) ta' l-imsemmi Artikolu 28A. Illi Vera Kopja ta' l-imsemmija Sentenza ta' l-appell Numru 83/08 – DS qegħda' hawn tiġi mehmuża bħala Dokument IE1.

3. Illi f'dan l-istadju ssir referenza wkoll għall-Verbal fl-udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2008, Kawża Numru 19 fuq il-Lista, tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn fl-Appell Kriminali Numru 83/2008, dik il-wisq Onorabbli Qorti wara li l-Appell ġie trattat, iddifferiet għas-Sentenza l-istess Appell għal nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, fejn effettivament ingħatat is-Sentenza li

qegħda tagħti lok għal dan ir-Rikors Kostituzzjonali Urġentissimu odjern, kopja ta' liema Verbal qegħda tiġi hawn mehmuża bħala Dokument IE2.

4. Illi fis-Sentenza tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell hawn citata u li Kopja Vera tagħha tinsab mehmuża bħala Dokument IE1 hemm referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu, 2008 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Norman Lowell ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat l-Artikoli 18, 72, 82A(1)(2), 31, 32, 20 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sentejn pero' bl-applikażzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issospendiet l-operat tagħha għal perjodu ta' erba' snin u għall-hlas ta' multa ta' hames mitt Ewro (€500). Il-Qorti kkundannatu wkoll iħallas l-ispejjeż involuti fil-hatra ta' l-espert fl-ammont ta' tmienja u tletin Ewro (€38) u dan fi żmien xahar mid-data tas-Sentenza appellata, u fin-nuqqas, tali somma tiġi konvertita fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull €11.65 dovuta.

5. Illi r-Rikorrenti kien ippreżenta Rikors ta' l-appell nhar it-8 ta' April, 2008 li permezz tiegħu talab lill-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali biex tħassar is-Sentenza appellata kif mitlub fl-istess Rikors ta' l-appell jew tibdilha kif mitlub ukoll fl-istess Rikors ta' l-appell.

6. Illi l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali l-ewwelnett ikkunsidrat il-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008 fejn f'dik l-udjenza ġiet sollevata l-preġudizzjali tan-nullita' tar-Rikors ta' Appell għar-raguni li l-paragrafi 1 sa 4 tar-Rikors ma jindikawx liema huma l-imputazzjonijiet li tagħhom l-Appellant instab ħati filwaqt li l-paragrafi 5 sa 8 li jitrattaw il-fatti fil-qosor jindikaw biss x'inhuma l-akkużi u għalhekk ma jagħtux stampa ta' dak li wassal għall-każ u dan kontra dak li jiddisponi l-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-partijiet kienu ingħataw l-opportunita' mill-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li jippreżenta Noti ta'

Osservazzjonijiet dwar jekk ir-Rikors ta’ Appell jissodisfax ir-rekwiżiti skond l-Artikolu 419 (1) ta’ l-imsemmi Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

8. Illi b’tali preġudizzjali l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullita’ tar-Rikors ta’ Appell a bażi ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 419(1)(a) tal-Kodici Kriminali u ċioe’ li r-Rikors ta’ l-appell, barra mill-indikazzjoni komuni għall-Atti Ġudizzjarji, għandu jkun fih, taħt piena ta’ nullita’ –

(a) il-fatti fil-qosor;
(b) ir-raġunijiet ta’ l-appell;
(c) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri.

9. Illi f’dan l-istadju qiegħed isir referenza għar-Rikors ta’ l-appell ta’ nhar it-8 ta’ April, 2008, mir-Rikorrenti Norman Lowell liema Rikors ta’ l-appell qed jiġi mehmuż ma’ dan ir-Rikors Kostituzzjonali fejn Vera Kopja tiegħu qegħda tiġi mehmuża u ndikata bħala Dokument IE3, liema Rikors ta’ l-appell fih mhux anqas minn erbgħa w sittin faċċata apparti minn Dokumentazzjoni oħra li hija jew tista’ tkun rilevanti u / jew indikattiva għall-mertu ta’ dan ir-Rikors Kostituzzjonali Urġentissimu, liema Dokumentazzjoni huma meħudin mill-Atti Proċesswali tal-każ “Il-Pulizija –vs-Lowell Norman” u dan biex din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha tkun tista’ tevalwa mhux biss il-fatti imma anka t-Talbiet li qiegħed iressaq ir-Rikorrenti, u l-provi u l-evidenza jekk ikun il-każ li għandhom jinstemgħu apparti mill-Osservazzjonijiet u Sottomissjonijiet li jistgħu jsiru u dan biex id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti jiġu protetti w enforzati kemm fir-rigward tal-Kostituzzjoni ta’ Malta li għadha formalment il-Liġi Suprema tar-Repubblika ta’ Malta imma fil-parametri li Malta issa hi wkoll Membru Sħiħ ta’ l-Unjoni Ewropea, kif ukoll a bażi tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta li huwa l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u anka fid-dawl tal-Liġijiet ta’ l-istess Unjoni Ewropea li jħarsu d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta’ kull individwu fi ħdan l-istess Unjoni Ewropea.

10. Illi eżami tar-Rikors ta’ l-appell intavolat nhar it-8 ta’ April, 2008, jindika ċar u bl-aktar mod speċifiku fl-ewwel paragrafu tiegħu li kien hemm Sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali nhar il-Ħamis, 27 ta’ Marzu, 2008 u dan wara li l-Ewwel Qorti rat numru ta’ Artikoli mill-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u fejn ir-Rikorrenti odjern bħala Imputat instab ħati ta’ l-akkużi kollha kif addebitati fil-konfront tiegħu.

11. Illi fit-tieni paragrafu tar-Rikors ta’ l-appell tat-8 ta’ April, 2008 naraw il-kundanna ta’ l-Ewwel Qorti u l-frażi li a bażi tagħha l-Ewwel Qorti ndirizzat l-objettiv tas-Sentenza tagħha u ċioe’ biex b’din il-piena r-Rikorrenti kellu jkollu fuqu l-effett ta’ mannara ħalli jifli l-kliem tiegħu qabel ma jesprimi ruħu fil-futur.

12. Illi fit-tielet paragrafu ta’ l-istess Rikors ta’ l-appell, naraw li r-Rikorrenti kien ġie kkundannat iħallas multa kif ukoll l-ispejjeż inkorsi mal-ħatra tal-Perit Espert u l-Ewwel Qorti ddikjarat it-terminu li fihom din il-multa u dawn l-ispejjeż ta’ l-Espert kellhom jitħallsu w ir-raba’ paragrafu li l-Ewwel Qorti ordnat li kopja tas-Sentenza tagħha tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali għal dan il-għan.

13. Illi mela huwa ovvju, u din taħt l-ebda ċirkostanzi ma tista’ titqies xi *‘fishing expedition’* li l-ewwel erba’ paragrafi tar-Rikors ta’ l-appell għandhom jinqraw bħala parti integrali minn dak li seħħ quddiem l-Ewwel Qorti u li dak li seħħ quddiem l-Ewwel Qorti kif deskritt fil-qosor fl-ewwel erba’ paragrafi tar-Rikors ta’ l-appell tar-Rikorrenti odjern intavolat nhar it-8 ta’ April, 2008, sar minħabba l-fatti fil-qosor li ġew deskritti fil-ħames paragrafu fejn ir-Rikorrenti kien ġie akkużat b’erba’ akkużi li fihom infushom jiġbru bl-aktar mod konċiż u ċar il-fatti li a bażi tagħhom ġie akkużat ir-Rikorrenti odjern u dawn huma ċarissimi.

14. Illi fis-sitt paragrafu hemm indikat ċar li l-ewwel tliet akkużi bħala fatti huma li l-Imputat Appellanti kellu l-ħsieb li jqajjem mibegħda razzjali jew b’hekk joħloq il-probabilita’ li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali kwantu għall-ewwel tliet akkużi; filwaqt illi kwantu għar-raba’ akkuza li jintuża xi kliem, egħmil jew

ġesti li nġurjaw, jew insulentaw jew maqdru lill-persuna tal-President ta’ Malta.

15. Illi fis-seba’ paragrafu naraw kif diġa’ kien ġie deskritt bejn l-ewwel u r-raba’ paragrafi tar-Rikors ta’ Appell tat-8 ta’ April, 2008 li r-Rikorrenti kien ġie misjub ħati ta’ l-akkużi kollha u t-tmien paragrafu jgħid li dawn mela kienu l-fatti fil-qosor : kif effettivament kienu l-għaliex dawk kienu l-fatti fil-qosor. Mela l-ewwel tmien paragrafi jridu jittieħdu fis-sekwenza li nkitbu u mhux bir-rispett kollu kif għamlet il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali li għax immiżgwidata mill-Intimat Avukat Ġenerali tar-Repubblika kif rappreżentat fil-mori ta’ l-appell Numru 83/08 – DS iffukat bejn il-paragrafi 5 sa 8 u njorat kif kien obbligu ta’ l-Ewwel Qorti li ma tagħmilx u ċioe’ li tinjora l-ewwel erba’ paragrafi tar-Rikors ta’ Appell li kienu importantissimi l-għaliex a bażi ta’ dak li ntqal fl-ewwel erba’ paragrafi (u hawn jerġa’ jiġi enfatikament enfasizzat li din ma kienetx xi *fishing expedition*, billi bir-rispett kollu l-loġika titlob li l-ewwel jinqraw l-ewwel paragrafi), biex b’hekk il-ħames sas-seba’ paragrafi fil-qosor ħafna jispjegaw il-fatti u l-verita’ hi li dawk kienu l-fatti u la anqas u lanqas aktar.

16. Illi mela l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali f’ paġna 3 tas-Sentenza tagħha ta’ nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008, li vera kopja tagħha tinsab hawn mehmuża ma’ l-Elenku ta’ Dokumenti ma’ dan ir-Rikors Kostituzzjonali urġentissimu naraw illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali bdiet mill-ħames paragrafu li dan ċertament m’huwiex aċċettabli għaliex biex tifhem il-fatti fil-qosor l-ewwel trid tkun qrajt l-ewwel erba’ paragrafi w għaldaqstant manifestament il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008 kienet inġusta mar-Rikorrenti fil-*veste* tiegħu bħala Appellanti li l-Appell qisu nbeda mill-ħames paragrafu meta din hija konklużjoni lloġika, li ma tagħmilx sens, u li ovvjament qatt ma kellha ssir, imma hija ċara f’paġna 3 tas-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li hekk għamlet dik il-wisq Onorabbli Qorti.

17. Illi huwa sinifikanti li l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-aħħar paragrafu ta’ paġna 3 tgħid *“kif inhu risaput, din il-Qorti tipprova ssalva l-Atti u ma tiddikjarax*

*Rikors ta’ Appell bħala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tiġbid entro l-limiti permessi mill-Liġi, għax ikun ġie sodisfatt il-minimu ta’ dak li hu rikjest għall-finijiet tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 419 imsemmi”* u f’dan l-istadju il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali tirreferi għal diversi Sentenzi mogħtija mill-istess Qorti.

18. Illi l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell għamlet referenza għall-każ deċiż nhar il-25 ta’ Awissu, 2008, fl-ismijiet “Il-Pulizija –vs- Ċarmel Cauchi” fejn l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali tenniet li l-fatti fil-qosor kienu limitati għal sempliċi ripetizzjoni ta’ l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti f’dak il-każ u fejn ingħad ukoll biex ma ġewx imputati l-appellanti.

19. Illi fil-fatt fir-raba’ paġna tas-Sentenza tal-15 ta’ Ottubru, 2008, naqraw b’referenza għal Deċiżjoni tal-25 ta’ Awissu, 2008 fil-kawża “Il-Pulizija –vs- Ċarmel Cauchi” li l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma tistax iġġebbed il-liġi b’tali mod li tispiċċa tmur kontriha u kontra kif l-istess liġi tiġi kostantament interpretata. Il-leġislatur ikkomina n-nullita’ fil-każ ta’ karenza tal-fatti fil-qosor, tar-raġunijiet ta’ l-appell u tat-talba għax dawn il-ħtiġiet huma essenzjali biex jiddelinjaw il-konfini tad-dibattitu u jistradaw mill-ewwel fuq il-binarji korretti l-kawża fl-Appell.

20. Illi l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ppresjeduta mill-Onorevoli Imħallef David Scicluna nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008 kompliet tagħmel numru ta’ referenzi għal diversi Sentenzi li pero’ r-Rikorrenti odjern isostni li fis-Sentenza tagħha l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali totalment ma ħaditx in konsiderazzjoni li hawnhekk kellna każ li l-fatti tiegħu kienu mibnija f’erba’ akkużi li rreferew għal sitwazzjonijiet differenti u ċioe’ f’April tal-2006, f’Mejju tal-2006, bejn Dicembru, 2003 u Marzu, 2006, u referenza għall-President ta’ Malta fit-8 ta’ Mejju, 2006, u dawk kienu l-fatti miġbura fil-qosor fl-akkużi li għalihom ir-Rikorrenti bħala Imputat qal li ma kienx ħati, u li fil-fehma umli ta’ l-istess Rikorrenti *qua* Imputat issottometta li l-Prosekuzzjoni effettivament ma ġabet ebda prova dwar dawk il-fatti kif allegati mill-Prosekuzzjoni għajr interpretazzjoni tas-Supretendent Peter Paul

Zammit, interpretazzjoni oġġettiva fir-rigward ta’ dawk il-fatti. U dan kollu huwa riprodott bejn l-ewwel u t-tmien paragrafi fil-qosor ħafna tar-Rikors ta’ l-appell tat-8 ta’ April, 2008, u kwindi l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma kienetx korretta fl-evalwazzjoni tagħha ta’ l-interpretazzjoni tal-frażi l-fatti fil-qosor.

21. Anka jekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali għamlet referenza għall-każ “Il-Pulizija –vs- Vincent Fenech” deċiż nhar is-17 t’Ottubru, 1997 meta tenniet li l-Qorti tfaħħar kull sforz li jsir biex fl-Atti Ġudizzjarji tiġi kkultivata l-prassi ta’ l-ekonomija tal-kliem, huwa evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku tal-att in kwistjoni, ċioe’ ma tistax tkun ekonomija tali li ġġib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-Att, li żgur ma kienx il-każ fir-rigward ta’ l-fatti fil-qosor kif esponihom ir-Rikorrenti bħala Appellanti bejn l-ewwel u t-tmien paragrafu tar-Rikors ta’ l-appell tiegħu.

22. Illi inutli bir-rispett kollu li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali f’paġna 5 tas-Sentenza tagħha fl-aħħar paragrafu tagħmel referneza għal numru ta’ Sentenzi mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali l-għaliex il-verita’ hi li għal xi raġuni jew oħra l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet skorretta ħafna b’mod li wettqet inġustizzja mar-Rikorrenti bħala Appellanti meta sostniet f’paġna 6 tas-Sentenza tagħha li dak li ntqal dwar il-paragrafi 5 sa 8 tar-Rikors ta’ Appell li l-Esponenti espona l-fatti tal-kawża : u wieħed hawn jistaqsi bl-akbar umilta’ imma determinazzjoni : U għala le jekk dawk kienu l-fatti? U kif il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell injorat għal kollox l-ewwel erba’ paragrafi tar-Rikors ta’ l-appell tar-Rikorrenti tat-8 ta’ April, 2008, qisu għall-fatt illi għax kien hemm sub-titlu li jindika Il-fatti fil-Qosor, qisu l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali deherilha li l-ewwel erba’ paragrafi kellhom jiġu njorati? Meta ovvjament dan ma kellux isir. U fuq liema bażi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tikkonkludi f’paġna 6 li l-Appellanti ma esponiex il-fatti tal-kawża, meta l-fatti tal-kawża ma kienux la anqas u lanqas aktar mill-erba’ akkużi li ġabet il-Prosekuzzjoni kif imfisser bl-aktar mod dettaljat fl-Atti Proċesswali ta’ dan il-każ li kellu l-bidu tiegħu fil-Qrati tal-Ġustizzja f’Mejju tas-sena 2006 u li ġie mibni proprju fuq

dak li l-Prosekuzzjoni ġabret bħala fatti mis-sistema tal-*computer* tagħha minn fuq il-*website* ta' Viva Malta, *website* li ma kienx jopera l-istess Rikorrenti odjern, u allura dawk kienu l-fatti, u kienet żbaljata totalment fil-konklużjonijiet tagħha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta waslet għal din il-konklużjoni fis-sitt faċċata tas-Sentenza tagħha li tinsab mehmuża wkoll bħala Vera Kopja ma' dan ir-Rikors Kostituzzjonali Urġentissimu odjern.

23. Illi l-loġika r-Rikorrenti bl-akbar umilta' jesponi tindikalna u tiggwidana li kwalsiasi Dokumenti trid tibda taqrah mill-bidu u meta tgħarrex għas-Sentenza tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kif immiżgwidata mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, u hawn huwa l-qofol ta' kollox, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali nerġgħu nirrepetu qisha bdiet mill-ħames paragrafu sempliċiment għax kien hemm sub-titolu li jgħid Fatti fil-Qosor, qishom l-ewwel erba' paragrafi ma kienux jeżistu, meta l-ewwel erba' paragrafi huma mportanti l-għaliex il-fatti li jsegwu minn paragrafu 5 sa 7 ifissru fil-qosor għala l-Ewwel Qorti waslet f'hiex waslet u kkonkludiet dak li kkonkludiet kif indikat fl-ewwel erba' paragrafi tar-Rikors ta' l-appell tar-Rikorrenti odjern bħala Appellanti. U għalhekk wieħed ma jistax ma jipreokkupax ruħu meta huwa evidenti anka jekk tagħsar il-proċess voluminuż ta' dawn l-erba' akkużi magħġuna f'każ wieħed u dak kollu li sar quddiem l-Ewwel Qorti, li ma kienx mibni fuq xi avvenimenti li seħħew u li a bażi tagħhom il-Prosekuzzjoni mexxiet kontra r-Rikorrenti, imma kienu erba' akkużi magħġuna f'każ wieħed mibnija fuq dak li r-Rikorrenti tenna fuq il-*website* ta' Viva Malta, u li persuna partikolari fid-Depot tal-Pulizija u ċioe' s-Supretendent Peter Paul Zammit ra dawn il-*websites* u deherlu bl-aktar mod soġġettiv li kien ġustifikat f'isem il-Prosekuzzjoni, f'isem il-Pulizija li tmexxi kontra r-Rikorrenti. U dawn kienu l-fatti, billi l-Prosekuzzjoni jerġa' jiġi ripetut ma ressqet ebda provi għajr l-opinjoni soġġettiva tas-Supretendent Peter Paul Zammit, li r-Rikorrenti bħala Imputat irribatta l-fehma soġġettiva tas-Supretendent Peter Paul Zammit b'diversi Dokumenti u kwotazzjonijiet minn Awturi, u filosofiji tal-ħsieb, u xhieda okulari li sfortunatament l-Ewwel Qorti tenniet fis-Sentenza tagħha li hi dehrilha li kellha tkun dak li

tibbilanċja bejn in-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni u l-provi konvinċenti da parti tar-Rikorrenti bħala Imputat u allura l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha li fil-fehma tar-Rikorrenti kienu kollha żbaljati u għamel Appell dettaljat.

24. Illi dan l-Appell dettaljat ġie mibni proprju fuq dawn il-fatti fil-qosor li kienu kollha miġbura fl-erba' akkużi, u la anqas u lanqas aktar : *sic et sempliċiter*.

25. Illi hija skorretta bir-rispett kollu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'dak li tgħid fis-sitt paġna tas-Sentenza tagħha meta tikteb illi kif wieħed jista' josserva mhux biss mill-imputazzjonijiet kif dedotti iżda anka minn eżami superfiċjali ta' l-Atti, li hawn si tratta ta' diskorsi li saru f'żewġ okkażjonijiet separati mill-Appellant, li dawn id-diskorsi saru f'postijiet differenti u quddiem udjenza, u li dawn id-diskorsi ġew iffilmjati u trasmessi fuq *website* partikolari, ta' artikolu li nkiteb mill-Appellant u tqiegħed fuq l-*internet*, ta' kontenut ta' partijiet minn dawn id-diskorsi w artikoli li allegatament iqajmu mibegħda razzjali u ta' kliem f'wieħed mid-diskorsi li allegatament kien inġurjuż lejn il-President ta' Malta, bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni jew tar-regoli tal-ermenewtika legali ma jista' jingħad li l-paragrafi taħt it-titolu Fatti fil-Qosor fir-Rikors ta' Appell jitfgħu dawl ta' x'kien ġara jew ma ġarax li ta lok għal din il-kawża.

26. Illi bir-rispett kollu l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kienetx korretta f'din l-interpretazzjoni tal-frazi Fatti fil-Qosor, billi jekk wieħed jara l-fatti fil-qosor kif mibnija mill-istess Appellanti jara ċar illi fil-ħames paragrafu r-Rikorrenti bħala Appellanti qed jgħid li hu ġie mressaq quddiem l-Ewwel Qorti akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u jissemma f'paragrafu 5 l-ewwel akkuża li tindika l-fatt li fir-Rabat, Malta nhar it-30 ta' April, 2006 u li liema data sussegwentament il-Prosekuzzjoni wara li kienet ilha li ddikjarat li għalqet l-istadju tal-provi tagħha talbet il-korrezzjoni tagħha għat-3 ta' April, 2006, użajt kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew xort'oħra ġibt ruħek b'dan il-

mod bil-ħsieb li b'hekk tqajjem mibegħda razzjali jew b'hekk tohloq il-probabilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali. U li umbagħad naraw it-tieni akkuża li wkoll fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, użajt kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew xorta oħra ġibt ruħek b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk tqajjem mibegħda razzjali jew li b'hekk tohloq il-probabilita' li meta wieħed iqies iċ-ċirkostanzi kollha titqajjem mibegħda razzjali, umbagħad it-tielet akkuża talli bejn Diċembru, 2003 u s-27 ta' Marzu, 2006 permezz ta' artikolu bit-titolu *'Coming Cataclysmic Crisis'* użajt kliem jew imġieba ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xorta oħra ġibt ruħek b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk tqajjem mibegħda razzjali jew b'hekk toħloq il-probabilita' li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali; u r-raba' akkuża talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, użajt kliem, egħmil jew ġesti li jinġurjaw, jew jinsolentaw, jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta, u dawk fil-verita' kienu l-fatti fil-qosor, fis-sens illi m'huwiex importanti li wieħed joqgħod jelabora illi kien hemm diskorsi li saru f'żewġ okkażjonijiet separati mill-Appellanti, u li dawn id-diskorsi saru f'postijiet differenti u quddiem udjenza, għaliex?

27. Illi r-raġuni hi illi l-Prosekuzzjoni mexxiet il-każ fuq dak li rat fil-*website* tar-Rikorrenti, il-Prosekuzzjoni arrestat lir-Rikorrenti u qaltlu jekk dak li kien hemm fuq dak il-*website* kienx niżlu hu jew le, u fid-dawl tat-tweġiba tar-Rikorrenti kien ġie arrestat u tressaq il-Qorti, fejn saret referenza proprju għal dawn l-okkażjonijiet fir-Rabat, Malta u fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, u b'referenza għall-kitba tiegħu li saret f'Diċembru tas-sena 2003 u allegatament dwar xi kliem li ntuża li jinġurja jew jinsulenta jew imaqdar lill-persuna tal-President ta' Malta : mhux dawk kienu l-fatti? Umbagħad l-elaborazzjoni dwarhom kellha ssir fir-Raġunijiet ta' l-appell, kif effettivament sar. Mela allura m'hijiex korretta l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali meta tlissen dak li qalet f'paġna 6 billi huwa evidenti anka minn dak l-istess li kitbet il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell li dak li qal ir-Rikorrenti saru f'postijiet separati, f'okkażjonijiet differenti, u li umbagħad

a bażi ta’ dan instemgħu u nġabu l-provi da parti tal-Prosekuzzjoni li hawn wieħed jerġa’ jirrepeti ma kienu xejn għajr il-konklużjonijiet soġġettiva tas-Supretendent Peter Paul Zammit, għal liema fehma soġġettiva r-Rikorrenti bħala Imputat irribatta. Mela fl-essenza dawk kienu l-fatti.

28. Issa l-fatt li dawn id-diskorsi kienu ġew iffilmjati u li kienet okkażjoni ta’ bejn il-ħbieb f’lok li ġie identifikat bħala post pubbliku u trażmessi fuq *website* partikolari u ta’ artikolu li nkiteb mill-Appellant u tqiegħed fuq l-internet, u ta’ kontenut ta’ partijiet minn dawk id-diskorsi u artikoli li allegatament iqajmu mibegħda razzjali u ta’ kliem f’wieħed mid-diskorsi li allegatament kien inġurjuż lejn il-President ta’ Malta, dawn jirriżultaw kollha fil-qosor mill-fatti kif ġew miġbura konċiżament fl-erba’ akkużi magħġuna f’każ wieħed, u allura żbaljat il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li dawn il-fatti fil-qosor ma ħadithomx fl-inkwadratura mbagħad tar-Rikors ta’ l-appell komplet li jerġa’ jiġi ripetut kien Rikors ta’ Appell ta’ mhux anqas minn erbgħa w sittin faċċata, u fejn ir-Raġunijiet ta’ l-appell waħidhom ħadu minn paġna 3 sa paġna 55 tar-rikors ta’ l-appell jiġifieri firxa ta’ tnejn u ħamsin faċċata, fejn ir-Rikorrenti bħala Appellanti spjega fid-dettal u b’mod analitiku t-tmien raġunijiet tiegħu għala kien qed jappella, fejn naturalment elabora fuq dawk il-fatti fil-qosor li kien qal bejn paragrafi 5 u 7 u li nbnew fuq il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti bejn l-ewwel u raba’ paragrafu : allura l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali dawn tinjorahom, b’riskju li kieku dahal f’ċertu dettal żejjed ir-Rikorrenti bħala Appellanti kien jirriskja li jkun hemm xi konklużjoni li ma kienx fil-qosor bizzejjed?

29. Illi bir-rispett kollu l-objettiv ewlieni li l-ġustizzja mhux biss trid issir imma tidher li qed issir ma kienx jinvolvi l-obbligu tal-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali li tieħu in konsiderazzjoni li wara dawn il-fatti li kienu veru fil-qosor għax hekk kien meħtieġ u mbagħad kien hemm elaborazzjoni sħiħa ta’ tnejn u ħamsin faċċata fejn ir-Rikorrenti bħala Appellanti ta tmien raġunijiet imfissra dettaljatament għala huwa kien qed jagħmel dak l-Appell?

30. Illi għalhekk ir-Rikorrenti ħass illi s-Sentenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, kienet waħda ferm inġusta u li kisret il-Kostituzzjoni ta' Malta, u li kisret l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jiġifieri Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif sejjer jiġi mfisser, u li kisret il-prinċipji ta' ġustizzja tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea li hija proprja mibnija biex tara li kull individwu jkollu ġustizzja fl-inkwadratura ta' vera demokrazija!

31. Illi forsi għall-grazzja ta' l-argument il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali seta' kellha raġun, li mhux qed jingħad li hekk jidhirlu r-Rikorrenti, imma forsi seta' kellha raġun kieku mbagħad ir-Rikorrenti ma qagħadx jelabora bl-aktar mod dettaljat it-tmien raġunijiet tiegħu għala kien qed jappella mifruxa fuq medda ta' tnejn u ħamsin faċċata qabel ma għamel it-Talbiet tiegħu, u allura ma jistax ikun li tiġi aċċettata s-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li fid-dimensjoni tagħha ġabet inġustizzja ferm akbar fil-konfront tar-Rikorrenti fl-inkwadratura ta' soċjeta' demokratika meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma daħlitx fil-bażi ta' l-erba' akkużi miġjuba kontra r-Rikorrenti u magħġuna f'każ wieħed u fejn kien hemm Appell qawwi li kien qiegħed isir għal din l-isfida kontra l-liberta' ta' l-espressjoni, il-liberta' tal-kelma, il-liberta' tal-komunikażżjoni, u l-liberta' li tgħid x'taħseb int fuq sitwazzjonijiet partikolari : dana l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali bir-rispett kollu ħarbet minnhom totalment, għaliex filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wettqet inġustizzja għax kienet f'daqqa Prosekutur u Qorti kif ammettiet l-istess l-Ewwel Qorti fil-konklużjoni tas-Sentenza tagħha w anka jekk wieħed jaqra fil-medda tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti, il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali bħala l-ogħla Qorti li r-Rikorrenti bħala Appellanti seta' jirrikorri għaliha fil-kamp Kriminali f'pajjizna, naqset u naqset bil-kbir, li bir-rispett kollu tieħu t-triq l-aktar faċli u twaqqaf il-kawża f'interpretazzjoni fil-fehma tar-Rikorrenti estremament skorretta dwar x'jagħmel fatti fil-qosor jew x'ma jagħmilx fatti fil-qosor, u fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tagħtna l-interpretazzjoni tagħha f'paġna 6 tas-Sentenza tagħha li anka hemm il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kienetx korretta billi huwa evidenti anka mill-

fatti fil-qosor kif ġew imfissra mir-Rikorrenti odjern bħala Appellanti huwa evidenti li jindikaw li kienu saru diskorsi, f'okkażjonijiet separati, f'postijiet differenti, u li allegatament kien hemm kliem inġurjuż lejn il-President ta' Malta : Mela anka jekk nieħdu l-ewwel paragrafu fis-sitt faċċata tas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali nsibu li dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa fil-parti l-kbira tiegħu nkluż fil-Fatti fil-Qosor kif imfissra mir-Rikorrenti bħala Appellanti bejn paragrafi 5 u 7 : Għalhekk saret inġustizzja mill-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali!

32. Illi l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali f'paġna 6 il-parti t'isfel ta' l-ewwel paragrafu tagħha tgħid li fil-fatt dawn il-paragrafi huma neqsin għal kollox mill-fatti li taw lok għal din il-kawża, li ma huwa veru xejn, l-għaliex x'taw lok għal din il-kawża? Mhux il-fatt li fir-Rabat f'Malta f'April tas-sena 2006 ir-Rikorrenti allegatament uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xorta oħra ġab ruħu b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda razzjali jew b'hekk joħloq il-probabilita' li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali?

33. X'kienu l-fatti li taw lok għal din il-kawża? Mhux li talli fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, użajt kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew xort'oħra ġibt ruħek b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk tqajjem mibegħda razzjali jew li b'hekk toħloq il-probabilita' li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha titqajjem mibegħda razzjali?; U li talli bejn Diċembru, 2003 u s-27 ta' Marzu, 2006 permezz ta' artikolu bit-titolu *'Coming Cataclysmic Crisis'*, allegatament intużaw kliem jew imġieba ta' theddid, abbużiv jew insulenti, jew xorta oħra ġibt ruħek b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk tqajjem mibegħda razzjali jew b'hekk toħloq il-probabilita' li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali?

34. X' ta lok għal din il-kawża? Mhux talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, użajt kliem, egħmil jew ġesti li jinġurjaw, jew jinsultaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta? Mhux dawk

kienu l-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża? Umbagħad kif il-fatti avveraw ruħhom u seħħew u ċ-ċirkostanzi kollha li nkwadrawhom dak ssemma fid-dettal quddiem l-Ewwel Qorti li a bażi ta’ dak id-dettall l-Ewwel Qorti tat Sentenza li r-Rikorrenti ma qabilx magħha w appella minnha u wara li qal il-Fatti fil-Qosor spjega r-raġuni għala kien qed jappella : dik hi l-ġustizzja li trid tidher li qed issir, u mhux il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali bir-rispett kollu tikkontradixxi lilha nnifisha fl-ewwel paragrafu tas-sitt faċċata tas-Sentenza tagħha, fejn l-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali qed talludi għall-fatti fil-qosor, issemmi punti li f’dawk il-fatti fil-qosor huma inklużi, imma mbagħad l-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali qisha qegħda tippretendi li fil-fatti fil-qosor kellhom jidħlu dettalji li kieku ssemmew mir-Rikorrenti bħala Appellanti kien ikun hemm riskju kbir li l-appell tiegħu isib lilu nnifsu fl-istess gandott legali li sab lilu nnifsu meta fil-verita’ r-Rikorrenti bħala Appellanti kien skrupluż ħafna li joqgħod bl-aktar mod skrupluż ma’ l-Artikolu 419 sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-fatt li r-Rikorrenti bħala Appellanti għad b’mod skrupluż attent ħafna jirriżulta ċar mir-Rikors ta’ l-appell tiegħu li kien fih erbgħa w sittin faċċata, u li per eżempju tant huwa l-każ li fir-Raġunijiet ta’ l-appell tiegħu huwa dawn ifissirhom fi tmien raġunijiet li jidħol fihom f’dettal skrupolożament u li jieħdu dawn it-tmien raġunijiet tnejn u ħamsin faċċata qabel ma jiġi għat-Talbiet : Dan kollu kellha tarah il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali, kien obbligu tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li tarah għaliex hawnhekk kien hawn appell importanti li qed imiss is-sisien tad-Demokrazija fil-pajjiż, id-drittijiet sagri fundamentali ta’ kull individwu li jesprimi lilu nnifsu, li jagħti l-fehma fuq sitwazzjonijiet kif jidhirlu hu jew hi, li jkun ħieles fil-kitba tiegħu u bil-mod kif jikkomunika, u dan kollu, l-istennija ta’ sentenza mportanti li kellha tkun kruċjali għas-salvagwardjar tad-demokrazija fil-pajjiż, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali bir-rispett kollu ħaslet idejha minn din ir-responsabilita’ u kkonkludiet li l-fatti li tabilħaqq kienu fil-qosor imma kienu fil-qosor ħafna, meta dan hemm evidenza totalment għall-kuntrarju għal dan, bil-kontenut ta’ erbgħa w sittin faċċata tar-Rikors ta’ l-appell tar-Rikorrenti li kien ġie intavolat nhar it-8 ta’ April, 2008.

35. Illi f'kull każ u bir-rispett kollu lejn il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ippresjeduta nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, hija kwistjoni soġġettiva ta' kif il-frażi "fatti fil-qosor" tiġi nterpretata billi dak li huwa fil-qosor għal persuna jista' ma jkunx fil-qosor għal persuna oħra u dana fuq il-kriterju tas-soġġettivita' li fiċ-ċirkostanzi dan il-kriterju ma jistax jiġi utilizzat f'materja ta' ordni pubbliku bħal ma huwa Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn allura is-soggettivita' għal dik li hija teknikalita' ta' interpretazzjoni tista' timmina d-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu, billi allura jista' jintuża kriterju ma' persuna mod u kriterju ieħor ma' persuna oħra, u f'din l-inkwadratura r-Rikorrenti ħass li d-drittijiet u libertajiet fundamentali tiegħu li huma sagri f'demokrazija ħielsa ġew ivvjolati, u għaldaqstant l-objettiv tiegħu għala qiegħed jagħmel dan ir-Rikors Kostituzzjonali urġentissimu.

36. Illi jekk nerġgħu nirreferu għal paġna 6 tas-Sentenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008 il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkummentat fil-parti t'isfel ta' l-ewwel paragrafu illi r-raġunijiet elaborati u r-retorika kultant użata fil-bqija tar-Rikors ta' Appell ma jagħmlux tajjeb għal dan in-nuqqas fatali fir-Rikors ta' Appell. Jiġifieri meta r-Rikorrenti tratta l-fatti fil-qosor, l-ekonomija fil-kliem li uża – kontrarjament għal meta tratta l-aggravji – ġabet fix-xejn u rrendiet inoperattiv u bla sens l-istess Rikors : u hawn fejn fil-fehma umli tar-Rikorrenti żbaljat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-għaliex proprju għall-kuntrarju kieku per eżempju għall-grazzja ta' l-argument ir-Rikorrenti ma daħalx fid-dettal fir-Raġunijiet ta' l-appell tiegħu, tmien raġunijiet li ħadu mhux anqas minn tnejn u ħamsin faċċata biex jiġu mfissra, kieku allura l-Qorti ta' l-Appell Kriminali setgħet b'daqsxejn tiġbida ta' l-immaginazzjoni tgħid illi l-Appell kien estremament mhux identifikabbli għall-fatti li taw lok għall-akkużi kontra tar-Rikorrenti u kwindi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali setgħet f'dawk iċ-ċirkostanzi forsi tkun severa mar-Rikorrenti bħala Appellanti, imma ċertament dan ma setax ikun il-każ meta r-Rikorrenti wera biċ-ċar kemm kien ħerqan li jappella għax ħass li l-Ewwel Qorti tat Sentenza nġusta! U fuq l-istess kriterju li

persuna jitressaq akkużat quddiem Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-komparixxi li fiha jkun hemm l-akkużi huma meqjusa fl-istadju inizjali bħala *Avviso di Comparire*, l-istess f'dan il-każ għaliex il-Fatti fil-Qosor ma huma xejn għajr indikazjoni tal-bażi li waslu għas-Sentenza mill-Ewwel Qorti fid-dawl tal-provi jew nuqqas tagħhom li jkunu ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti u li minnhom bħal fil-każ odjern ir-Rikorrenti appella u wara li rreferi għal dawk il-fatti fil-qosor elabora r-raġunijiet tiegħu ta' appell bil-mod kif imfisser. U allura a kuntrarju ta' dak li tenniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li *"hawn għandna Rikors li huwa null ex lege u tali nullita' hi materja ta' ordni pubbliku tant li saħansitra tista' tiġi sollevata mill-Qorti ex officio"* ma tagħmilx sens bir-rispett billi ma huwa minnu xejn li r-Rikors huwa null *ex lege* imma ġie konkluż li huwa null mill-kriterji soġġettivi ta' Qorti pubblika li qegħda hemm biex tħares l-ordni pubbliku u li trid timxi allura fuq il-kriterju tal-oġġettivita' u mhux l-interpretazzjoni soġġettiva ta' Ġudikant li jkun qed jippresjedi fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn żmien għal żmien : hawn fejn żbaljat bl-aktar mod fatali l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li ċaħdet lill-Appellanti milli jkun jista' jiehu l-ġustizzja li f'Demokrazija hu mportanti li tidher li qegħda ssir, mentri f'din is-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kjarament u bl-aktar mod lampanti l-ġustizzja dehret illi ma saritx, anka jekk wieħed jara r-reazzjoni tal-fehma objettiva tal-poplu in ġenerali, li lanqas biss fehmu x'kien ġara. U allura dan kien nuqqas kbir tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li fiċ-ċirkostanzi r-Rikorrenti ma kellux triq oħra għajr illi jirrikorri għal dawn il-proċeduri odjerni, li anka jmorru kontra l-prinċipji li fuqhom it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea huma bbażati, tibda minn qabel it-Trattat ta' Ruma, umbagħad it-Trattat ta' Ruma, u wara ta' Maastricht, u wara ta' Amsterdam, umbagħad ta' Nizza, u meta tidħol *in vigore* dak ta' Lisbona, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea filwaqt li għadet attenta li ma tieħux għalissa u sa issa l-Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Umani imma f'diversi Sentenzi li sejħulhom opinjonijiet jew deċiżjonijiet il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-Lussumburgu tenniet fis-Sentenzi studjati tagħha illi l-ewwel u qabel kollox is-supremazija tal-Liġi Ewropea fuq dawk ta' l-Istati Membri u ma' dawn żiedet diversi drabi li l-

Liġi tal-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq is-saltna tal-Liġi u r-rispett lejn id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu, anka kif sanati fiċ-Charter of European Fundamental Rigħts li saret referenza espressa għalihom ukoll fit-Trattat ta' Lisbona, li mhux fil-bogħod għandu jiġi fis-seħħ u jagħti dimensjoni aktar imfissra ta' f'hiex għandhom jikkonsistu l-principji tal-Liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

37. Mela ma tistax b'mod oġġettiv tħares lejn din is-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali mingħajr ma tara illi l-kunċetti soġġettivi tal-Qorti imminaw l-ordni pubbliku li parti essenzjali minnu huwa d-dritt fundamentali ta' kull akkużat li jinstab ħati li jappella u li t-teknikalitajiet bħal interpretazzjoni ta' x'jagħmlu fatti fil-qosor jew x'ma jagħmlux fatti fil-qosor m'għandux ikun kriterju li ċittadin, li individwu, li persuna tiġi mneżża' mid-drittijiet u libertajiet fundamentali tagħha li jkollha deċiżjoni fuq mertu, li tħossha li kien hemm smiegħ xieraq u mparzjali u mhux soġġettiv, li tħossha li r-reazzjoni tagħha għal Sentenza ta' Qorti Inferjuri ġiet rispettata, mismugħa u evalwata, u fuq katina ta' loġika mbagħad il-Qorti Superjuri tagħti d-Deċiżjoni tagħha, u mhux toħnoq il-Liberta' ta' l-Espressjoni u tal-Komunikażżjoni, u ta' l-Opinjoni ta' individwu fuq kriterju soġġettiv tekniku li fatti fil-qosor ma kienux twal biżżejjed skond il-kriterji soġġettivi tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali.

38. Fit-tieni paragrafu tas-sitt faċċata tagħha l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tagħmel osservazzjonijiet oħra dwar it-tielet parti tar-Rikors ta' l-Appell tar-Rikorrenti tat-8 ta' April, 2008 u ċioe' minn paġna 55 lil hinn fejn hemm it-Talbiet ta' l-appellanti.

39. Illi meta mbagħad tikkonsidera li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqgħet il-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008, ir-Rikorrenti beda jipprova jifhem x'kien eżatt il-motiv tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li tikteb l-ahhar paragrafu fil-faċċata 6 tas-Sentenza tagħha ta' sitt faċċati u kwart, meta bir-rispett kollu fiċ-ċirkostanzi dan il-paragrafu fil-parametri tal-konklużjoni tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-

Appell Kriminali ma jagħmilx sens għaliex ir-Rikorrenti bħala Appellanti għamel diversi Talbiet li ovvjament wieħed mhux sejjer joqgħod jidħol fihom f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, illi kieku l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell waslet s'hemm kienet tagħti deċiżjoni fuq dawk it-Talbiet, imma ġaladarba l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell illimitat lilha nfisha billi laqgħet il-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008, ftit li xejn kien hemm skop għall-aħħar paragrafu f'paġna 6, u għalhekk ir-Rikorrenti jerġa' jirreferi għall-konklużjoni tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza tagħha ta' sitt faċċati u kwart ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, fejn a bażi tad-Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ir-Rikorrenti ħass li d-drittijiet tiegħu a bażi tal-Kostituzzjoni ta' Malta u a bażi ta' Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u a bażi tal-prinċipji tal-Liġi ta' l-Unjoni Ewropea ġew vjolentament miksura w għaldaqstant qed jersaq quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha biex jagħmel is-segwenti Talbiet wara illi jfisser fil-qosor fejn a bażi tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Kostituzzjoni ta' Malta jħoss li gew vjolati bil-kbir id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tiegħu, billi diġa' għamel referenza għall-prinċipji ġenerali mħaddna mill-Liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea kif bażikament interpretati anka mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-Lussumburgu, u li għalihom fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali tista' anka ssir referenza mill-istess Rikorrenti odjern.

<u>Kostituzzjoni ta' Malta.</u>

40. Illi r-Rikorrenti Norman Lowell f'dan l-istadju u fl-inkwadratura ta' dak kollu li ġie sottomess f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, billi huwa importanti li Dokument mhux biss jinqara kollu imma n-nisġa tal-binja tiegħu tiġi evalwata fid-dawl tal-kontenut kollu ta' dan l-istess dokument, sejjer jindika mill-Kostituzzjoni ta' Malta l-Kapitolu IV li jirrigwarda d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-individwu u partikolarment jibda biex jindika l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jenfasizza li kull persuna f'Malta hija ntitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tagħha u ċioe' d-dritt li assoġġjettat għar-rispett tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn u ta' l-

interess pubbliku, fost oħrajn għall-liberta' ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' għaqda w assocjazzjoni paċifika u salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-dispożizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija ta' l-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku.

41. Illi filwaqt li fl-inkwadratura ta' dak kollu li ġie sottomess f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern minn imkien ma rriżulta fid-dawl tar-raġjonar soġġettiv minflok oġġettiv tal-wisq Onortabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, ma mkien ma rriżulta li r-Rikorrenti qua Appellanti ma fixkel it-tgawdija ta' l-ebda drittijiet u libertajiet ta' xi individwu ieħor jew l-interess pubbliku, filwaqt illi bir-rispett kollu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali marret kontra l-interess pubbliku meta materja li hija meħtieġa biex tiddefenixxi d-Demokrazija f'pajjiżna u t-tisħiħ ta' dawn id-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu mnaqqxa bl-aktar mod protettiv fil-Kostituzzjoni ta' Malta, kien importantissimu li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tindaga profondament dwar il-mertu ta' l-appell ta' l-appellanti, u ċioe' r-Rikorrenti odjern, u mhux b'mod soġġettiv tagħti interpretazzjoni tal-frażi FATTI FIL-QOSOR meta l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'paġna 6 tas-Sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008, tirreferi għal xi ingredjenti li jirriżultaw anka fil-FATTI FIL-QOSOR kif fissirhom l-Appellanti Rikorrenti imma li ma jagħmilx sens li taljenahom mill-kumplament ta' Rikors ta' Appell li kien fih erbgħa w sittin faċċata u li minnhom tnejn u ħamsin faċċata ġew iddedikati lir-Raġunijiet ta' l-appell fejn saret elaborazzjoni dettaljata proprju fuq il-Fatti fil-Qosor, u li kien jirriżulta ċar mill-mod kif ġew impostati l-Fatti fil-Qosor li l-Appellanti ried li skrupolożament isegwi l-gwida ta' l-Artikolu 419 sub-artikolu (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

42. Illi mela l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-fehma oġġettiva tar-Rikorrenti ppreġudikat bl-interpretazzjoni tagħha tal-frażi FATTI FIL-QOSOR id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti u saħansitra marret kontra l-interess pubbliku li kellu kull

dritt dan l-interess li jkollu tifsira ċara fid-dawl ta' l-akkużi mressqa mill-Prosekuzzjoni u li għalihom ma nġabu ebda prova għajr l-interpretazzjoni soġġettiva tas-Supretendent fil-Korp tal-Pulizija, u kwindi kien hemm ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta da parti tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008, hawn mehmuża bħala Vera Kopja fl-Elenku tad-Dokumenti ma' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

43. Illi fit-trattazzjoni orali twila li għamel ir-Rikorrenti odjern bħala Appellanti quddiem il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell apparti minn Nota ta' Osservazzjonijiet u Sottomissjonijiet, kif tirriżulta mill-Atti Proċesswali ta' l-appell Numru 83/08 – DS ġie mfisser ċar lill-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali x'kienu l-Fatti fil-Qosor ta' dan il-każ u jekk kellha xi dubju l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar interpretazzjoni ġusta fl-inkwadratura ta' Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-individwu, bħal per eżempju dik ta' smiegħ xieraq mill-Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'liġi, kif inhi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tar-Repubblika ta' Malta, dik il-wisq Onorabbli Qorti setgħet anka tagħmel Referenza Preliminari lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja biex ikollha bażi aktar mifrux fl-inkwadratura tal-prinċipji legali tal-Liġi ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-tifsira fil-kuntest tar-Rikors ta' l-appell tar-Rikorrenti dwar din il-frażi FATTI FIL-QOSOR, imma sfortunatament f'Sentenza ta' sitt faċċati u kwart, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell xejnet u ġabet fix-xejn l-isforzi kbar u responsabbli tar-Rikorrenti bħala Appellanti li juri lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kemm kien ħassu aggravat bis-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti u kemm qagħad attent, u d-Dokument ta' erbgħa u sittin faċċata dana jippruvah aktar minn adekwatament, li jkun konformi ma' l-Artikolu 419 sub-artikolu 1 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan in-nuqqas tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-fehma tar-Rikorrenti jmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex Ċittadin m'għandux jiġi assoġġjettat għal konsegwenzi serjissimi li jmorru lil hinn minn kull proporzjonalita' ta' ġustizzja li Appell tiegħu jiġi miċħud fuq teknikalita' legali dubjuża mibnija fuq is-soġġettivita' tal-Qorti kif ippresjeduta anka jekk saru referenzi ampji għal

każistika, għall-ġurisprudenza tal-Qrati ta' l-Appell Kriminali, li l-ebda waħda mis-Sentenzi ndikati ma kellha l-mertu tal-każ tar-Rikorrenti li kien l-ewwel wieħed mix-xorta tiegħu fir-Repubbblika ta' Malta, u li allura s-Soċjeta' Demokratika Maltija baqgħet sajma imma mbeżża' fl-istess ħin dwar kunċetti bħal Liberta' ta' l-Espressjoni, Liberta' ta' Komunikazzjoni u ta' Opinjoni, u Libertajiet Fundamentali oħra li jikkonċernaw il-ħsieb ħieles ta' kull individwu u d-dritt li jikkomunikah mingħajr preġudizzju għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' individwi oħra : Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għaldaqstant bl-akbar qima lejha naqset minn dan l-obbligu u marret kontra d-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti w anka kontra l-interess pubbliku, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta partikolarment sub-artikolu 5 ta' l-Artikolu 39 li jagħmilha ċara li kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi ppruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati. U kif dan seta' jsir fil-konfront tar-Rikorrenti bħala Appellanti jekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ċaħditlu d-dritt li jkollu Sentenza fuq il-merti tal-akkużi li nġabu fil-konfront tiegħu u li l-Ewwel Qorti erronjament sabitu ħati? Meta mbagħad l-ogħla Qorti fil-qasam Kriminali tal-każ li kien jirrigwarda r-Rikorrenti għalqet il-każ fuq sempliċiment teknikalita' dubjuża u soġġettiva dwar interpretazzjoni ta' frażi partikolari!

44. Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali vvjolat ukoll is-sub-artikolu 6 ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta partikolarment paragrafu (c) ta' l-istess sub-artikolu 6 tal-Artikolu 39 li jagħti dritt lil kwalsiasi persuna akkużata li jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali fis-sens illi jekk għall-grazzja ta' l-argument naċċettaw it-tezi, li ovvjament ir-Rikorrenti ma jaqbilx magħha bl-aktar mod kategoriku, imma jekk għall-grazzja ta' l-argument naċċettaw it-tezi li kien hemm żball tekniku bil-mod kif ġiet interpretata l-frażi FATTI FIL-QOSOR mid-Difiża tar-Rikorrenti bħala Appellanti, kif allura nistgħu nissinkronizzaw u npaċu l-paragrafu (c) tas-sub-artikolu 6 ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta din tagħti l-liberta' lil kull individwu li jekk irid jista' jiddefendi ruħu personalment? U dan il-wisq Onorabbli

Qorti ta’ l-Appell Kriminali ċaħdet dan id-dritt fundamentali lir-Rikorrenti meta naqset li tipronunzja ruħha fuq il-mertu ta’ l-appell tar-Rikorrenti minħabba t-teknikalita’ legali li a bażi tagħha Appell ta’ erbgħa w sittin faċċata ġie skartat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fuq bażi ta’ raġonar wieħed jissottometti dubjuż ħafna fil-parametri ta’ każ importanti bħalma kien dan li l-Prosekuzzjoni għamlet kontra r-Rikorrenti u li kien l-ewwel każ fil-ġeneru tiegħu li allura aktar u aktar il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali bir-rispett kollu kellha tkun kawta li dan l-Appell jiġi deċiż fuq il-mertu tiegħu, anka jekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali f’paġna 3 tas-Sentenza tagħha ndikat li hija ppruvat issalva l-Atti u ma tiddikjarax Rikors ta’ Appell bħala null fejn dan ikun possibbli, u f’dan il-każ ma kellu jkun hemm ebda dubju għaliex il-Fatti fil-Qosor kienu tabilħaqq Fatti fil-Qosor li mbagħad fl-inkwadratura tar-Rikors ta’ l-appell kollu ma kien hemm ebda dubju għalxiex u għalfejn kienu qed isiru ċertu referenzi w argumenti.

45. Illi bl-interpretazzjoni soġġettiva tagħha l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ddiprevat l-interess pubbliku li jkollu tifsira ċara tal-liberta’ ta’ espressjoni f’pajjiżna u libertajiet fundamentali simili, u għalhekk kien hemm piż kbir fuq l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali li l-interess pubbliku jkollu stampa ċara ta’ x’inhu permessibbli jew le u mhux il-każ jitwaqqaf sempliċiment għaliex bir-rispett kollu l-Qorti dehrilha li l-frażi FATTI FIL-QOSOR f’dan il-każ kienu qosra wisq meta jerġa’ jiġi ripetut minn nisġa u l-binja tar-Rikors ta’ l-appell kollu dan kjarament irriżulta li ma kienx il-każ, apparti mill-fatti li anka t-Taqsima FATTI FIL-QOSOR tenniet tabilħaqq il-fatti essenzjali li kellhom jingħadu u la anqas u lanqas aktar, u allura fir-rigward tar-Rikorrenti d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tiegħu ġew ivvjolati b’dan il-mod serjissimu, u li huwa mportanti li jkollu rimedju anka minħabba konsegwenzi li jista’ jkun hemm jekk per eżempju r-Rikorrenti ma jitħalliex jikkontesta bħala Kandidat għall-Elezzjonijiet Ġenerali fis-6 ta’ Ġunju tas-sena kurrenti għall-Parlament Ewropew, li l-fatt fih innifsu jimmilita kontra l-istil ta’ Demokrazija li ssaltan u tiġi prattikata fi ħdan l-Unjoni Ewropea anka skond kif

imnaqqxa fiċ-Charter of Fundamental Human Rigħts ta' l-istess Unjoni Ewropea, apparti minn deċiżjonijiet, opinjonijiet u direttivi li jingħataw mill-istess Qorti ta' Ġustizzja Ewropea sitwata fil-Lussumburgu.

46. Illi għalhekk li a bażi ta' Artikolu 46 sub-artikolu 1 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ir-Rikorrenti qed jitlob għaldaqstant rimedju permezz ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali tiegħu għall-inġustizzja li saret miegħu bl-interpretazzjoni soġġettiva dwar teknikalita' legali li fiċ-ċirkostanzi kienet dubjuża ħafna dwar l-interpretazzjoni tal-frażi FATTI FIL-QOSOR, meta l-Appell tar-Rikorrenti tat-8 ta' April, 2008, kien jagħti dimensjoni totalment differenti għal dak li kkonkludiet il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008.

47. Illi anka fid-dawl tas-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali minflok xejnet l-Appell ta' Norman Lowell bil-mod kif għamlet setgħet faċilment tirreferi l-kwistjoni quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti billi huwa evidenti li din ma kienetx kwistjoni li setgħet tissejjaħ bħala waħda frivola jew vessatorja u b'hekk il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kien ikollha l-konfort ta' Deċiżjoni Kostituzzjonali jew kieku riedet ta' Referenza Preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, imma l-Qorti ta' l-Appell Kriminali għazlet triq oħra u ċioe' li tiddisponi mill-Appell fuq l-interpretazzjoni tagħha in konnessjoni mal-frażi FATTI FIL-QOSOR f'każ hekk importanti għall-Liberta' fid-Demokrazija tal-Pajjiz tagħna, Membru Sħiħ fl-Unjoni Ewropea.

48. Illi l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali la utilizzat il-faċilita' tas-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas ta' l-Artikolu 234 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea li jagħti l-possibilita' ta' Referenza Preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u dan in-nuqqas da parti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali jiġi li kiser vjolentament id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-istess Rikorrenti fis-sens illi ma kellux smiegħ xieraq anka fid-dawl ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fid-dimensjoni kollha tiegħu u mhux sempliċiment fis-sub-

artikoli li ġew espressament indikati, bħas-sub-artikolu 5 u s-sub-artikolu 6 f'paragrafu (c) ta' l-istess imsemmi Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

49. Illi għaldaqstant li issa r-Rikorrenti qiegħed jitlob bl-akbar umilta' fid-dawl tas-sub-artikolu 7 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li s-smiegħ ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali Urġentissimu għandu jkun b'kull ħeffa possibbli biex ma jiġux ippreġudikati l-interessi tar-Rikorrenti anka fid-dawl tad-deċiżjoni ta' l-istess Rikorrenti li jikkontesta bħala Kandidat għall-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li sejrin iseħħu f'pajjiżna nhar is-6 ta' Ġunju, tas-sena 2009.

<u>Il-Konvenzjoni Ewropea</u>

50. Illi b'referenza għall-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u ċioe' Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Rikorrenti qiegħed isostni li din il-Konvenzjoni ġiet vjolentament miksura mis-Sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, Appell Numru 83/08 – DS billi d-Drittijiet tar-Rikorrenti u l-Libertajiet Fundamentali tiegħu ġew miksura u dan fis-sens illi għandu qabel xejn issir referenza għall-Artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

51. Illi *considerando* li d-Drittijiet ta' l-individwu u Libertajiet Fundamentali tiegħu huma parti mill-Liġi ta' Malta, ir-Rikorrenti qed jitlob lil din l-wisq Onorabbli Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha biex tfornih b'dawk ir-rimedji meħtieġa fl-inkwadratura anka tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea dwar l-istess Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tiegħu li r-Rikorrenti qed jissottometti ġew miksura bis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008 meta Appell validissimu tiegħu ġie dikjarat irritu u null u dik il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu sempliċiment fuq preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza ta' nhar it-2 ta' Lulju, 2008 li fil-verita' ma kienetx għajr interpretazzjoni soġġettiva dubjuża u dibattibbli ħafna dwar it-teknikalita' tat-tifsira tal-frażi FATTI FIL-QOSOR li ċertament jaħarbu mir-responsabilita' qawwija li Ċittadin għandu dritt li jkun

igwidat anka minn Qrati tal-Ġustizzja dwar il-parametri tal-komportament f'socjeta' ċivilizzata u demokratika u mhux dan id-dritt jiġi miċħud lilu sempliċiment fuq interpretazzjoni ta' teknika li l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha qabel xejn rimedji oħra x'setgħet tagħmel bhal dawk li diġa' ssemmew f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali Urġentissimu odjern, partikolarment ir-Referenza Preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea jew li a dirittura l-każ jiġi riferut għall-interpretazzjoni tad-diffikulta' sollevata mill-Avukat Ġenerali lill-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika ta' Malta : żewġ rimedji li kellha l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li naqset li tagħmel u li b'rizultat ta' dan waslet għal deċiżjoni inġusta li kisret vjolentament id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti Norman Lowell aktar u aktar meta tali Deċiżjoni tista' toħloq diffikultajiet dwar l-eliġibbilita' tar-Rikorrenti biex jikkontesta l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fis-6 ta' Ġunju, 2009, fatt magħruf pubblikament minn kull min huwa familjari ta' dak li qiegħed iseħħ fis-soċjeta' moderna, pluralistika, kosmopolitana, u fuq kollox demokratika Maltija.

52. Illi għaldaqstant a bażi ta' Artikolu 4 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta r-Rikorrenti qed jitlob għal rimedju fir-rigward tal-vjolazzjoni li saret fil-konfront tiegħu għal dawk li huma Drittijiet u Libertajiet Fundamentali kif hawn qiegħed jiġi mfisser.

53. Illi ssir referenza wkoll għas-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 4 ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea fis-sens illi r-Rikorrenti fiċ-ċirkostanzi ma għandu ebda mezzi xierqa ta' rimedju ieħor għall-ksur tad-Drittijiet tiegħu li sarulu għajr illi jirrikorri għal din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, kif effettivament qiegħed isir permezz ta' dan ir-Rikors odjern.

54. Illi s-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 jagħti soluzzjoni x'kellha tagħmel effettivament il-Qorti ta' l-Appell Kriminali jekk dik l-Onorabbli Qorti kellha diffikultajiet dwar l-interpretazzjoni fil-każ in eżami tal-frazi FATTI FIL-QOSOR partikolarment in-natura unika ta' dan l-ewwel każ li tressaq quddiem il-Qrati tagħna a bażi tal-

Liġi Kriminali kif kienet emendata fir-rigward partikolarment ta' Artikoli 82A sub-artikolu 1 u sub-artikolu 2 u Artikolu 72 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

55. Illi *considerando* li din id-diffiulta' tidher illi bdiet mill-Eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza ta' nhar it-2 ta' Lulju, 2008 quddiem il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, li għaliha r-Rikorrenti bħala Appellant wieġeb bil-qawwa *tramite* d-Difensur tiegħu Dr Emmy D. Bezzina u sussegwentament ġiet sottomessa Nota ta' Osservazzjonijiet, jekk fl-inkwadratura ta' dan kollu l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali sabet lilha nfisha f'diffikulta' daqstant drammatika li kienet ser twassal biex l-Appell ta' Norman Lowell jiġi dikjarat irritu u null, kif effettivament seħħ nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, allura l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha fiċ-ċirkostanzi anka biex tkun konfortata tutilizza s-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea u tibgħat il-kwistjoni quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha inkella tagħmel Referenza Preliminari a bażi ta' Artikolu 234 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea sitwat fil-Lussumburgu, billi kien evidentament każ li hawn ma kien hemm xejn li kien frivolu jew vessatorju, anzi għall-kuntrarju ma setax daħal f'aktar dettal milli daħal fih ir-Rikorrenti bħala Appellant fir-Rikors ta' Appell tiegħu ta' erbgħa u sittin faċċata, kif jirriżulta anka mid-Dokument hawn mehmuż mal-Elenku ta' Dokumenti f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali Urġentissimu odjern.

56. Illi l-fatt biss li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'każ importanti bħal dan u li l-konsegwenzi tiegħu huma enormi fil-qasam tal-kamp tad-Demokrazija partikolarment dwar il-Libertajiet ta' l-Espressjoni u ta' l-Opinjoni, tal-Komunikażżjoni, allura dik il-Qorti naqset u b'dan in-nuqqas kisret id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti għaliex bniedem ma ċċaħdux mid-Drittijiet tiegħu sempliċiment fuq teknikalita' legali li hija dubjuża u dibattibbli ħafna, u għalhekk kien hemm lok li jkun hemm il-konfort ta' Deċiżjoni Kostituzzjonali u anka jekk hemm bżonn ta' opinjoni mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ġaladarba Malta tappartjeni bħala Membru Sħiħ lill-Unjoni

Ewropea u li l-Liġi ta’ l-Unjoni Ewropea kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea hija superjuri għal kwalsiasi interpretazzjoni li jistgħu jagħtuha l-Qrati Nazzjonali tar-Repubblika ta’ Malta partikolarment meta tkun tmiss kif qalet l-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-Sentenza tagħha ta’ nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008 aspetti vitali bħal interpretazzjoni ta’ Liġi u ta’ ordni pubbliku, tant skond kif tenniet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li l-Eċċezzjoni ta’ l-Avukat Ġenerali setgħet saħansitra tiġi sollevata mill-Qorti *ex officio*, u għaldaqstant aktar u aktar il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kellha l-obbligu li fiċ-ċirkostanzi ta’ dubju tirreferi a bażi tas-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll a bażi ta’ Artikolu 46 sub-artikolu 3 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta li formalment għadha l-Liġi Suprema tar-Repubblika tagħna.

57. Illi hawnhekk issir referenza għas-sub-artikolu 6 ta’ l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

58. Illi r-Rikorrenti f’dawn iċ-ċirkostanzi qed jagħmel referenza għas-sub-artikolu 7 ta’ l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens illi huwa jrid li din il-Qorti tagħtih rimedju skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta minħabba l-importatura gravissima tad-Deċiżjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li jerġa’ jiġi enfatikament ripetut tista’ taffettwa l-eliġibbilita’ tal-Kandidatura tar-Rikorrenti għall-Elezzjonijiet Ġenerali għall-Parlament Ewropew li ser isiru nhar is-Sibt, 6 ta’ Ġunju, 2009, pożizzjoni tar-Rikorrenti li kulħadd kien jaf biha u li allura huwa fl-interess tat-trasparenza tal-Ġustizzja li r-Rikorrenti ikollu Deċiżjoni ċara, profonda u loġika quddiemu fid-dawl ta’ l-appell dettaljat li huwa kien intavola nhar it-8 ta’ April, 2008, u mhux b’Deċiżjoni li ħonqot l-Appell tiegħu fuq teknikalita’ legali dwar interpretazzjoni ta’ frażi FATTI FIL-QOSOR.

59. Illi fiċ-ċirkostanzi wkoll qed issir referenza għas-sub-artikolu 2 ta’ l-Artikolu 4A tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-kumpens li qed jitlob ir-Rikorrenti apparti mir-rimedju li skond is-sub-artikolu 2 ta’ l-Artikolu 4A għandu jkun ta’

mill-anqas tlieta w għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73).

60. Illi f'dan l-istadju għal kull buon fin ir-Rikorrenti jirreferi għall-Artikoli 5 u 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi r-Rikorrenti huwa determinat li l-inġustizzja mwettqa fil-konfront tiegħu aktar u aktar jekk timmina l-kandidatura mħabbra minnu għall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew effettivament tkun realta' fejn allura r-Rikorrenti qed jitlob l-ogħla kumpens possibbli apparti minn rimedji effettivi biex bħala Ċittadin ħieles tal-Unjoni Ewropea jiġu protetti fil-konfront tiegħu l-Libertajiet u Prinċipji Fundamentali tiegħu kif għandu jkollhom kull Ċittadin ieħor li għandhom ikunu ħielsa biex jesprimu l-fehmiet u l-opinjonijiet tagħhom u jikkomunikawhom bil-mod kif iridu mingħajr ma jimpedixxu lil terzi milli jkunu jistgħu jagħmlu l-istess.

61. Illi f'dan l-istadju ir-Rikorrenti jirreferi għall-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta fejn naraw l-Artikoli li jirrigwardaw il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, u jirreferi b'mod partikolari għall-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ir-Rikorrenti qiegħed isostni li huwa ma ngħatax smiegħ imparzjali fiċ-ċirkostanzi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li tidher li ġiet influwenzata mill-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008 dwar is-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali relatata mat-tifsira tal-frazi FATTI FIL-QOSOR li fuq bażi ta' teknikalita' legali, żgur li ma kellux ibagħti r-Rikorrenti għaliex l-Appell mir-Rikorrenti bħala Appellanti kien sar biex il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tiddetermina fil-mertu t-Talbiet li huwa għamel a bażi tat-tmien aggravji li huwa ssottometti u li kienu mifruxa fuq medda ta' tnejn u ħamsin paġna, kif anka ndikat l-istess wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-tielet faċċata tas-Sentenza tagħha lejn it-tmiem ta' dik il-faċċata.

62. Illi smiegħ imparzjali fiċ-ċirkostanzi jfisser illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha tindirizza l-Aggravji u t-Talbiet ta' l-appellanti u mhux sempliċiment

tieqaf fuq paragrafu (a) tas-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddetermina li l-FATTI FIL-QOSOR kif gew imfissra kienu jimmilitaw li l-Appellanti ma esponiex il-fatti tal-kawża meta altru milli għamel ir-Rikorrenti bħala Appellanti, kif huwa ovvju anka minn dak li ntqal f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali u li allura mhux sejjer joqgħod jiġi rripetut.

63. Illi l-Artikolu 6 sub-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea jagħmilha obbligatorja fuq il-Qorti li tagħti Sentenza pubblika b'xi eċċezzjonijiet u b'Sentenza wieħed jifhem li l-Qorti tidħol fil-mertu u fir-ruħ ta' dak li fil-każ in eżami r-Rikorrenti bħala Appellanti kien qiegħed jissottometti, u allura l-fatt li l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali waqfet fuq punt preliminari ta' Eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali tar-Repubbblika jfisser li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tatx is-Sentenza fuq il-mertu ta' l-appell tar-Rikorrenti kif bir-rispett kollu hi obbligata li tagħmel a bażi ta' Artikolu 6 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk kissret ukoll id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti Norman Lowell.

64. Illi hemm ksur ukoll tas-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiddikjara lil kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi, u fejn allura l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali naqset mill-obbligu tagħha li tara jekk ir-Rikorrenti bħala Appellanti kienx ħati jew le skond il-Liġi meta ċaħditlu dan id-dritt fundamentali tiegħu a bażi tas-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 6 fuq il-premessa li l-FATTI FIL-QOSOR ma kienx fihom l-ingredjenti fi kliem il-Qorti tal-fatti tal-kawża skond kif interpretathom il-Qorti f'paġna 6 tas-Sentenza tagħha l-ewwel parti ta' l-ewwel paragrafu, meta effettivament ġie wkoll sottomess li anka dawk il-fatti kienu nkorporati b'mod konċiż fil-Fatti fil-Qosor fir-Rikors ta' Appell tar-Rikorrenti ta' nhar it-8 ta' April, 2008!

65. Illi r-Rikorrenti jirreferi wkoll għall-paragrafu (c) tas-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda li jgħid li r-Rikorrenti kellu d-dritt li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess, u kif

dan jista’ javverra ruħu jekk ikun hemm Qorti li tiċħadlu dan id-dritt fundamentali fuq kriterju ta’ tifsira soġġettiva tal-frazi FATTI FIL-QOSOR? Meta l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kellha possibilitajiet li tikkjarifika dik il-frażi anka b’konsultazzjonijiet ma’ Entitajiet Legali oħra kif diġa’ ġie mfisser u kif provdut kemm fil-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea u anka mit-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropea f’Artikolu 234 : Għala l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali dana m’għamlitux?

66. Illi l-Artikolu 234 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea qabel kien l-Artikolu 177 u proprju jitratta dwar dan il-prinċipju importantissimu għall-Unjoni Ewropea tar-Referenza Preliminari li naturalment il-Qrati Nazzjonali tagħna għandhom il-facilitajiet kollha li din jagħmluha biex proprju Deċiżjonijiet fatali bħal dik li għamlet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma jseħħux b’detriment kbir lill-individwu nvolut bħal fil-każ odjern fejn ir-Rikorrenti jista’ jbagħti preġudizzji kbar minħabba Deċiżjoni fuq punt preliminari tal-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali li ma hemmx spazju għal dawn it-tip ta’ Deċiżjonijiet f’Demokrazija, fejn il-Ġustizzja trid tkun assolutament trasparenti u ma jkun hemm lanqas l-iċken dubju speċjalment f’każ ta’ din in-natura fejn il-Ġustizzja mhux biss tkun saret imma dehret li saret, u ċertament ħafna baqgħu imbellħa għaliex ma fehmux kif il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kkonkludiet każ mingħajr ma daħlet fil-mertu tal-Aggravji u t-Talbiet ta’ l-appell tar-Rikorrenti odjern.

67. Illi ssir referenza wkoll għall-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta li ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta’ reat kriminali minħabba f’xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond il-Liġi Nazzjonali jew Internazzjonali fil-ħin meta jkun sar, u ċertament hawnhekk qed jiġi sottomess li r-Rikorrenti bħala Appellanti instab ħati fuq il-fatt li L-FATTI FIL-QOSOR ġew interpretati mill-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali bħala li ma kienux esposti mir-Rikorrenti bħala Appellanti fl-Appell tiegħu meta eżami fil-faċċata 6 tas-Sentenza ta’ nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008, turi bic-ċar li dan ma kienx il-każ imma anka li kieku kien, ma nistgħux bil-ġustizzja kollha u bit-trasparenza tal-ġustizzja

nikkundannaw bniedem b'konsegwenzi determinanti fil-ħajja tiegħu w għall-karriera w objettivi tiegħu fuq interpretazzjoni ta' punt preliminari bħal per eżempju għall-grazzja ta' l-argument jekk l-Avukat kienx liebes it-toga jew le, u allura jekk l-Avukat ma jkunx liebes it-toga nirreġettaw Appell fil-mertu tiegħu? U l-istess f'dan il-każ fejn hemm dibattitu qawwi dwar il-Fatti fil-Qosor kif ġew interpretati mill-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, li kienet tkun differenti s-sitwazzjoni kieku mhux ovvjament huwa ċar li l-Appellanti kien qiegħed isegwi l-linja gwidanti ta' l-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar dak li hu bażilari biex isir Rikors ta' Appell, proċedura li ġiet segwita, bid-differenza li l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika deherlu li kellu punt legali fuq hiex iqabbad argument, u li l-Qorti mhux biss innotatu imma ġġustifikatu meta huwa ovvju li dan ma kienx il-każ.

68. Illi kien ikun totalment differenti kieku ma saret ebda referenza għall-fatti jew ma saret ebda referenza għas-Sentenza tal-Ewwel Qorti, jew ma saret ebda referenza għall-akkużi li gew miġjuba kontra r-Rikorrenti bl-indikazzjonijiet diversi ta' okkażjonijiet separati u f'postijiet differenti kif tenniet l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali : dan kollu ma seħħx għaliex kien qiegħed hemm, kollu nkluż fir-Rikors ta' l-appell fid-dimensjoni ta' l-erbgħa w sittin faċċata li kellu, u li minn dawn ittiehed spazju zgħir ta' anqas minn tliet faċċati fejn ir-Rikorrenti bħala Appellanti għad għall-kriterju stabbilit mill-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9.

69. Illi għalhekk kien mistenni fiċ-ċirkostanzi li l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tesprimi pubblikament id-diffikulta' li kellha fuq dan il-punt *considerando* l-materja delikatissima li kellha quddiemha u tagħmel referenzi lill-Qorti Kostituzzjonali jew lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea biex jiġi determinat il-kriterju ta' frażi vaga bħal FATTI FIL-QOSOR, u mhux toqtol Appell ħesrem meta kien ovvju kien anka esprimiet l-istess Qorti kif ippresjeduta dwar l-isforz qawwi li kien sar mir-Rikorrenti bħala Appellanti u l-Konsulent Legali tiegħu biex jibnu Appell dettaljatissimu.

70. Illi ma kien ebda konfort għar-Rikorrenti li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali tgħid li r-raġunijiet elaborati u r-retorika kultant użata fil-bqija tar-Rikors ta’ Appell ma jagħmlux tajjeb għal dan in-nuqqas fatali fir-Rikors ta’ Appell : fejn kien in-nuqqas fatali? Meta huwa evidenti li mhux biss il-format kif rikjest mill-Artikolu 419 kien segwit imma anka l-kontenut f’dak il-format kien implimentat, u għaldaqstant dan kollu jwassalna għall-konklużjoni ta’ ksur vjolenti għall-Libertajiet u Drittijiet Fundamentali tar-Rikorrenti li permezz ta’ dawn il-proċeduri qiegħed jitlob b’urġenza rimedju immedjat fl-iqsar żmien possibbli, apparti mill-kumpens li l-istess Rikorrenti qed jesiġih skond kif hawn fuq sottomess u mfisser.

71. Illi għaldaqstant ir-Rikorrenti jirreferi għal Artikolu 13 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u jitlob rimedju effettiv kif effettivament qed jagħmel permezz ta’ dawn il-Proċeduri odjerni biex b’hekk jiġi mplimentat l-Artikolu 14 ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropea li t-tgawdija tad-Drittijiet u Libertajiet kontemplati f’din il-Konvenzjoni għandhom jiġu assigurati mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni kwalsiasi billi f’dan il-każ jidher ċar li l-opinjoni ta’ l-Avukat Ġenerali nfluwenzat lill-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali li waslet għal din id-Deċiżjoni ferm inġusta ta’ nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008.

72. Illi f’dan l-istadju wkoll ir-Rikorrenti jirreferi għall-Artikoli 17 u 18 tal-Kapitolu 319 tal-Konvenzjoni Ewropea billi huwa evidenti li bid-Deċiżjoni tal-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fuq teknikalita’ legali ġie miċħud id-dritt u l-liberta’ fundamentali tar-Rikorrenti biex ikollu Sentenza ġusta u trasparenti, billi kif itenni l-istess Artikolu 18 li r-restrizzjonijiet permessi skond il-Konvenzjoni Ewropea għall-imsemmija Drittijiet u Libertajiet m’għandhomx jiġu applikati għal xi skop ieħor ħlief dawk li għalihom huma jkunu ġew preskritti, u ċertament wieħed minn dawn m’huwiex l-interpretazzjoni ristrettiva tal-frazi FATTI FIL-QOSOR a bażi ta’ Eċċezzjoni Preliminari sollevata mill-Avukat Ġenerali nhar it-2 ta’ Lulju, 2008 fil-mori tas-smiegħ ta’ l-appell Numru 83/08 – DS fl-ismijiet : “Il-Pulizija vs Norman Lowell”.

73. Illi f'dan l-istadju wkoll ir-Rikorrenti jagħmel referenza għall-Artikoli 1 sa 5 tas-Seba' Protocoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn f'Artikolu 2 sub-artikolu 1 naraw li kull min jinstab ħati ta' reat kriminali minn xi Tribunal ikollu d-dritt li dak is-sejbien ta' ħtija jew dik is-Sentenza jiġu revisti minn Tribunal ogħla. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt, inkluż ir-raġunijiet a bażi ta' dak l-eżerċizzju, għandhom ikunu regolati bil-Liġi.

74. Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008 naqset milli tonora dan id-dritt tar-Rikorrenti bħala Appellanti għaliex ma għamlitx reviżjoni tas-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti li ngħatat nhar is-27 ta' Marzu, 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, imma li għamlet il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kien li waqfet l-Appell fuq teknikalita' legali, li ovvjament fiċ-ċirkostanzi nkiser b'din id-Deċiżjoni wkoll is-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif insibuha wkoll fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

75. Illi għal kull buon fin qed issir referenza wkoll għall-Artikolu 3 u 4 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tas-Seba' Protokoll kif hawn fuq indikati.

76. Illi għal kull buon fin ukoll qed issir referenza għat-TIELET SKEDA li tirrigwarda l-paragrafi 22 sa 25 tar-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, kif insibuha fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Talbiet Urġentissimi</u>

77. Illi, għaldaqstant, l-Esponenti Rikorrenti Norman Lowell : ID number 621346(M) qiegħed umilment jitlob lil din l-wisq Onorabbli Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, sabiex, prevja r-referenza għall-kontenut kollu ta'

dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, inkluż id-Dokumenti mehmuża miegħu ċioe' Dokument IE1, Dokument IE2, u Dokument IE3 kif indikati brevement fl-Elenku tad-Dokumenti fl-aħħar parti ta' dan ir-Rikors odjern, din il-wisq Onorabbli Qorti tevalwa u tiddeċiedi, tidderieġi u tiddetermina, u tordna illi :-

(1) illi fl-ewwel lok dan ir-Rikors Urġentissimu għandu jiġi determinat u deċiż b'urġenza minħabba l-possibilita' li r-Rikorrenti jista' jkun impedut milli jikkontesta bħala Kandidat għall-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li sejrin iseħħu nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2009, pożizzjoni li ilu li tenniha pubblikament l-istess Rikorrenti, u dana minħabba u fid-dawl tad-Deċiżjoni fuq punt preliminari ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-Appell Numru 83/08 – DS ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, Vera Kopja tas-Sentenza hawn mehmuża ma' dan ir-Rikors u ndikata bħala Dokument IE1.

(2) illi s-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ppresjeduta mill-Onorevoli Imħallef David Scicluna fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, Appell Numru 83/08 – DS fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Norman Lowell" kisret vjolentament il-Kostituzzjoni ta' Malta partikolarment Kapitolu 4 u specjalment Artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta, kif indikat fil-korp fl-intier tiegħu kollu ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, u għaldaqstant a bażi ta' Artikolu 46 l-Esponenti qed jitlob li jingħata rimedju mmedjat kif ukoll kumpens.

(3) illi s-Sentenza tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, hawn mehmuża bħala Dokument IE1, Vera Kopja, kisret vjolentament il-Kapitolu 319 u ċioe' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tal-Liġijiet ta' Malta f'diversi Taqsimiet tagħha skond anka kif imfisser u elenkat fil-korp fl-intier tiegħu kollu ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

(4) illi kwantu espressament għall-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta li għadha formalment il-Liġi Suprema tar-Repubblika tagħna, dejjem fil-parametri ta' l-Artikolu 6 ta' l-istess Kostituzzjoni ta' Malta, is-Sentenza

ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, Appell Numru 83/08 – DS fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- NORMAN LOWELL" kissret vjolentament id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti fis-sens illi ma ngħatalux ir-Rikorrenti l-protezzjoni tal-Liġi skond kif indikat fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 32 bil-mod kif ġie mfisser dettaljatament fil-korp fl-intier tiegħu ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern li għalih għandha ssir referenza l-ħin kollu bħala parti integralissima ta' dawn il-Proċeduri Kostituzzjonali odjerni.

(5) illi l-fatt li l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 t'Ottubru, 2008, iddikjarat l-Appell ta' Norman Lowell irritu u null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu sempliċiment fuq Eċċezzjoni Preliminari ta' l-Avukat Ġenerali fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008, fl-Appell Numru 83/08 - DS fisser li l-Appell skond il-Liġi tar-Rikorrenti bħala Appellant li kien fih erbgħa w sittin faċċata li minnhom tnejn u ħamsin paġna kienu ddedikati għal analiżi dettaljati tat-tmien Raġunijiet għala r-Rikorrenti kien appella gew injorati għal kollox b'mod illi fuq tifsira soġġettiva u dibattibbli ħafna tal-frazi FATTI FIL-QOSOR, ir-Rikorrenti nstab ħati mingħajr ma ngħata dak li legalment kien id-dritt tiegħu li jappella fuq il-mertu tas-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti, dik tas-27 ta' Marzu, 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u b'hekk ġew vjolentament miksura d-Drittijiet u Libertajiet Individwali u Fundamentali ta' l-istess Rikorrenti skond il-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Liġi ta' l-istess Unjoni Ewropea kif ġie mfisser f'diversi stadji ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern fid-dimensjoni kollha tiegħu.

(6) illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kisret l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi fiċ-ċirkostanzi kif imfissra jidher ovvju li r-Rikorrenti bħala Appellanti ma ġiex mogħti smiegħ xieraq fis-sens illi l-Appell kien fuq il-mertu tas-Sentenza Appellata u mhux fuq aspett tekniku legali li għalih m'hemm ebda tifsira definittiva fil-Liġi imma referenzi għal każistika li ma setax ikun il-każ fiċ-ċirkostanzi odjerni billi dan kien l-ewwel każ tax-xorta tiegħu fir-Repubblika ta'

Malta u ċioe' l-Kumpilazzjoni 518 tas-sena 2006 li inizzjat nhar is-27 ta' Mejju, 2006 meta r-Rikorrenti kien ġie arrestat u tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ppresjedut mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima, LL.D., fejn f'każ wieħed saru erba' akkużi kontra l-istess Rikorrenti li effettivament kienu fihom infushom il-FATTI FIL-QOSOR li qajmu dan id-dibattitu legali sħiħ u li minnu l-uniku vittma kien l-istess Rikorrenti odjern.

(7) illi f'dawn iċ-ċirkostanzi r-Rikorrenti qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti li tallaċċja fl-Atti ma' dan ir-Rikors Kostituzzjonali l-Process fl-intier tiegħu tal-Kumpilazzjoni Numru 518/06 inizzjat nhar is-27 ta' Mejju, 2006 billi tordna lill-Intimati jew min min minnhom jippreżentaw kopja legali ta' l-Atti Processwali li jiffurmaw il-Process kollu tal-każ li tressaq kontra r-Rikorrenti Norman Lowell : ID number 621346(M) u li jikkontjeni madwar sitt mija u ħamsin faċċata.

(8) illi bid-Deċiżjoni tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li r-Rikorrenti bħala Appellanti kien wettaq nuqqas fatali fir-Rikors ta' l-appell tiegħu meta skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ir-Rikorrenti kien naqas li jippreżenta fatti li taw lok għal din il-kawża huwa kontestat bl-aktar mod kategoriku minħabba li jirriżulta manifestament li dan ma kienx minnu kif analiżi tar-Rikors ta' l-appell tar-Rikorrenti tat-8 ta' April, 2008 jindika bl-aktar mod ċar u kif ġie mfisser b'mod analitiku f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern u f'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk ir-Rikorrenti ġie li ma ngħatax smiegħ xieraq biex b'mod imparzjali jkollu Deċiżjoni minn Qorti Superjuri dwar l-Appell ta' l-istess Rikorrenti mis-Sentenza tal-Ewwel Qorti ta' nhar is-27 ta' Marzu, 2008, u b'dan il-mod id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' Norman Lowell ġew vjolati a bażi ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

(9) illi l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tat fil-każ odjern fil-paġna 6 tas-Sentenza tagħha ta' sitt faċċati u kwart x'kien fil-fehma tagħha jikkonsisti jew jikkonsistu l-fatti tal-kawża meta effettivament l-FATTI FIL-QOSOR kif

fissirhom ir-Rikorrenti bħala Appellant apparti milli *prima facie* jidhru simili fil-qofol tagħhom, kienet biss interpretazzjoni soġġettiva li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali setgħet kellha kull dritt għaliha imma mhux b'mod li tikkastiga lir-Rikorrenti bħala Appellant milli ċċaħħdu Sentenza fil-mertu tagħha a bażi tad-dimensjoni sħiħa tar-Rikors ta' l-appell tar-Rikorrenti fil-konfront tas-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti tas-27 ta' Marzu, 2008 u f'dan ir-rigward il-Qorti ta' l-Appell Kriminali allura naqset milli tissalvagwarda kif kien l-obbligu tagħha li tagħmel id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti billi persuna ma ċċaħħdux mid-drittijiet tiegħu sempliċiment fuq teknikalita' legali li hija dibattibbli, dubjuza w interpretazzjoni soġġettiva, kif sar fis-Sentenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008.

(10) illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza tagħha ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, ivvjolat il-prinċipju fis-sub-artikolu (5) ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi ppruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati, u fiċ-ċirkostanzi tas-Sentenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, ir-Rikorrenti ġie misjub ħati fuq interpretazzjoni ta' teknikalita' li anka *prima facie* kienet evidentament tirriżulta fir-Rikors ta' Appell tar-Rikorrenti u kwindi ma kien hemm ebda bażi li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tilqa' l-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali u tiddikjara l-Appell ta' Norman Lowell irritu u null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu, meta kellha l-possibilita' l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali li tirreferi l-każ għall-Qorti Kostituzzjonali inkella tagħmel Referenza Preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea a bażi ta' l-Artikolu 234 tat-Trattat ta' l-Ewropa ġia' Artikolu 177 biex ikun hemm tifsira preċiża u ċara tal-frażi FATTI FIL-QOSOR u mhux ikun hemm Deċiżjoni li kellha u għad jista' jkollha riperkussjonijiet kbar fuq l-istess Rikorrenti bħal per eżempju ċ-ċaħda li huwa ma jitħalliex jikkontesta bħala Kandidat għall-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew skedati għal nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2009, fatt li kienet taf bih il-popolazzjoni kollha tal-Gżejjer Maltin u Għawdxin.

(11) illi l-Kostituzzjoni ta' Malta ġiet miksura wkoll a bażi tas-sub-artikolu 6 ta' l-Artikolu 39 peress illi fid-dawl tal-paragrafu (b) tal-istess sub-artikolu 6 ta' l-Artikolu 39 il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha l-faċilita' li tagħti l-opportunitajiet lill-istess Appellanti jekk hija kellha din it-teżi dwar l-interpretazzjoni tal-frażi FATTI FIL-QOSOR, biex ir-Rikorrenti stess imur quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jew jagħmel Referenza Preliminari għall-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, illi bid-Deċiżjoni tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali r-Rikorrenti sofra preġudizzji kbar li għalihom issa huwa qiegħed jitlob lil din il-Qorti rimedji immedjati u anka kumpens skond il-Liġijiet ta' Malta.

(12) illi l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008 kisret il-Kostituzzjoni ta' Malta a bażi tal-paragrafu (c) tas-sub-artikolu 6 ta' l-Artikolu 39 li jindika ċar li r-Rikorrenti kellu kull dritt li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' Rappreżentant Legali, u kif dan jista' jsir jekk id-dritt tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu jitwaqqaf sempliċiment fuq teknikalita' legali li l-interpretazzjoni tagħha fiċ-ċirkostanzi hija ferm dibattibbli meta tqies il-fatti ta' dan il-każ u l-fatti fil-qosor kif fissirhom l-istess Rikorrenti bħala Appellanti? *Considerando* wkoll li l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali qisha bdiet l-analiżi tar-Rikors ta' Appell tar-Rikorrenti tat-8 ta' April, 2008 mill-ħames paragrafu u njorat l-ewwel erba' paragrafi li wkoll jiffurmaw parti mill-Fatti fil-Qosor u li ċertament is-subtitolu ndikat mir-Rikorrenti f'paġna 2 ta' l-appell tiegħu bħala A. Il-Fatti fil-Qosor bl-ebda mod ma pprekludew lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li tidħol fid-dimensjoni kollha tar-Rikors ta' l-appell tar-Rikorrenti fejn minn hemm jirriżulta ċar li mhux biss l-intenzjonijiet tar-Rikorrenti kienu li jsegwu skrupolożament l-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imma bl-aktar mod metikoluż ir-Rikorrenti qagħad attent li l-fatti jkunu veru fil-qosor mbagħad elabora dwarhom bl-aktar mod dettaljat possibbli fir-Raġunijiet tiegħu ta' l-appell li ħadu tnejn u hamsin faċċata kif indikat l-istess Qorti fit-tielet faċċata tas-Sentenza tagħha ta' sitt paġni u kwart.

(13) il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kisret id-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti anka a bażi tas-sub-artikolu 8 ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn hemm imfisser ċar li ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul, u fis-Sentenza tal-15 ta' Ottubru, 2008, Appell Numru 83/08 – DS, ir-Rikorrenti bħala Appellanti nstab ħati fuq teknikalita' jew a bażi ta' teknikalita' legali li żgur m'hijiex reat kriminali u li allura ġie mċaħħad milli jkollu l-benefiċċju tal-prinċipju fundamentali li l-ġustizzja mhux biss trid issir, imma trid tidher li qed issir, u fin-nuqqas ta' Sentenza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-mertu, din il-ġustizzja viżibilment u bl-aktar mod kategoriku ma dehritx li qegħda ssir, u kwindi l-ksur ta' Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti odjern.

(14) illi fiċ-ċirkostanzi l-Esponenti qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti a bażi tas-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li huwa jingħata rimedju mmedjat u effettiv biex l-inġustizzja mwettqa miegħu permezz tas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-Appell Numru 83/08 – DS tkun irrimedjata b'mod illi dik is-Sentenza tiġi ddikjarata li kisret id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali u Individwali tiegħu skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk jerġa' jkun hemm l-opportunita' li jekk ikn il-każ terġa' ssir trattazzjoni tar-Rikors ta' l-appell ta' l-istess Rikorrenti ta' nhar it-8 ta' April, 2008 biex b'hekk ikun hemm Sentenza Definita li tirregola l-pożizzjoni fis-Socjeta' Maltija w Għawdxija tar-Rikorrenti mingħajr riskji fundamentali li l-istess Rikorrenti ma jitħalliex jikkontesta bħala Kandidat l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2009, kif kien diġa' ben magħruf.

(15) illi f'dawn il-parametri ssir referenza għas-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 46 fejn ir-Rikorrenti assigura ruħu li ma kienx hemm mezzi xierqa alternattivi ta' rimedju għall-ksur fundamentali fil-konfront tiegħu li qed jesponi r-Rikorrenti odjern u dan minħabba li s-Sentenza ngħatat

mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali liema Qorti ma għamlet ebda referenza la għall-Qorti Kostituzzjonali u lanqas Referenza Preliminari lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, kwindi din kienet l-uniku rimedju fiċ-ċirkostanzi miftuħ immedjatament għar-Rikorrenti salv proċeduri oħra ulterjuri li jista’ jekk ikun il-każ isiru wara.

(16) illi l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali naqset illi tosserva s-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta fis-sens illi l-kwistjoni ta’ l-interpretazzjoni tal-frażi FATTI FIL-QOSOR fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ odjern li kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fil-gżejjer Maltin u Għawdxin u li allura la qamet din il-kwistjoni l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kellha l-obbligu skond is-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 46 li tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili billi huwa ovvju li t-tqanqil ta’ din il-kwistjoni m’huwiex wieħed sempliċiment frivolu jew vessatorju : il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali mbagħad kellha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skond is-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu 4 ta’ l-Artikolu 46, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fiċ-ċirkostanzi kellha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-Deċiżjoni kif imfissra fis-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 46, u b’dan in-nuqqas il-Qorti ta’ l-Appell kisret vjolentament id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti kif imħarsa bl-aktar mod rigoruż fil-Kostituzzjoni ta’ Malta.

(17) illi fid-dawl tas-sub-artikolu 7 ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, ir-Rikorrenti qiegħed umilment jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti li s-smiegħ ta’ dan ir-Rikors Kostituzzjonali għandu jkun b’kull ħeffa possibbli għar-raġunijiet li ġia’ gew sottomessi u qegħdin jingħadu anka f’dawn it-talbiet urġentissimi u dana fl-interess tal-ġustizzja, biex il-ġustizzja tabilħaqq tidher li qegħda ssir, u biex ma jiġux ippreġudikati l-interessi kollha li għandu r-Rikorrenti fosthom li jikkontesta l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew f’jum is-Sibt, 6 ta’ Ġunju, 2009.

(18) illi b’referenza għall-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, u ċioe’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ir-Rikorrenti qed

jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti biex tikkonferma li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-Appell Numru 83/08 – DS fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Norman Lowell", kisret ukoll vjolentament id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti bi ksur tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif jirriżulta mill-korp fl-intier tiegħu kollu ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

(19) illi r-Rikorrenti jagħmel referenza għall-Artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea għal dak li huma Drittijiet u Libertajiet Fundamentali kif elenkati fid-diversi Artikoli tal-Konvenzjoni u l-Artikoli ta' l-Ewwel Protokoll, l-Artikoli tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli tas-Sitt Protokoll, u l-Artikoli tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema Artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda, u li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali vvjolat uħud minn dawn fil-konfront tar-Rikorrenti għar-raġunijiet kif qed jiġu mfissra anka fil-komplessivita' ta' dawn it-talbiet urġentissimi ta' l-istess Rikorrenti.

(20) illi r-Rikorrenti qed jitlob lil din wisq Onorabbli Qorti Kostituzzjonali għal rimedju taħt is-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rimedju bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, għandu jinkludi s-smiegħ immedjat u b'urġenza ta' dawn il-proċeduri, kumpens adekwat lir-Rikorrenti u d-Dikjarazzjoni li s-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008 ivvjolat id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti u b'hekk il-Liġijiet ta' Malta u kwindi għandha tiġi dikjarata nulla w invalida, mhux esegwibbli u lanqas enforzabbli u li għaldaqstant il-proċeduri ta' l-appell Numru 83/08 – DS għandhom jerġgħu jmorru lura għall-istat illi kienu nhar it-2 ta' Lulju, 2008, fis-sens illi d-deċiżjoni tal-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar il-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali f'dik id-data għandha tiġi ddikjarata formalment bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u l-Appell jiprosegwi skond fejn ikunu waslu l-Atti Proċedurali ta' l-appell qabel ma ngħatat is-Sentenza nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru,

2008 : dana biex il-ġustizzja mhux biss issir imma tidher li qegħda ssir.

(21) illi din il-wisq Onorabbli Qorti Kostituzzjonali għandha taffettwa s-sub-artikolu 2 ta’ l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea *considerando* li r-Rikorrenti ma kien għad fadallu ebda mezzi xierqa ta’ rimedju għal ksur li minnu qed jiġi sottomess jew li kienu disponibbli għalih skond xi liġi ordinarja ohra, u li l-uniku triq li kien fadallu kienet li jirrikorri għal din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, kif effettivament qiegħed jagħmel permezz ta’ dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

(22) illi r-Rikorrenti Esponenti jirreferi għas-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta minn fejn jidher ovvju li mis-Sentenza tal-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-Appell Numru 83/08 – DS fis-seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008, qamet il-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-frazi FATTI FIL-QOSOR li dik il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fiċ-ċirkostanzi kellha l-obbligu anka skond dan is-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea li tibgħat din il-kwistjoni li kienet timpinġi direttament fuq id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti lil din il-wisq Onorabbli Qorti minħabba li jirriżulta evidentament li t-tqanqil tal-kwistjoni ta’ l-interpretazzjoni tal-frażi FATTI FIL-QOSOR żgur li ma kienetx waħda frivola jew vessatorja : u din il-wisq Onorabbli Qorti kellha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha kif hawnhekk qed jiġi mfisser u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu 4 ta’ l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li tkun qajmet il-kwistjoni kellha tiddisponi mill-kwistjoni skond id-deċiżjoni ta’ din il-Qorti, u dan il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali m’għamlitux u b’hekk ivvjolat id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti a bażi ta’ l-Artikolu 4 qed jiġi mfisser tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

(23) illi fiċ-ċirkostanzi wkoll ir-Rikorrenti qed jirreferi għas-sub-artikolu 2 ta’ l-Artikolu 4A tal-Konvenzjoni Ewropea u f’dan is-sens huwa qiegħed jitlob li jithallas taħt l-Artikolu 3 tas-Seba’ Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni l-ammont ta’

tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73), liema kumpens għandu jiġi stabbilit a bażi ta' l-indikat sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 4A tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'dan is-sens ukoll l-Esponenti qed jitlob lil din il-Qorti biex dawn il-proċeduri jitħaffu mill-aktar fis possibbli għal raġunijiet idoneji legalment u fattwalment fondati skond kif imfissra fil-korp fl-intier tiegħu kollu ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

(24) illi din il-wisq Onorabbli Qorti qegħda wkoll umilment tiġi mitluba biex jekk jidhirlha xieraq u opportun tirreferi din il-kwistjoni għall-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fid-dawl tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u partikolarment Artikolu 234 ġia' Artikolu 177, biex ikun hemm deċiżjoni soda dwar l-interpretazzjoni tal-frazi fi Proċeduri Kriminali fil-livell ta' Appell ta' FATTI FIL-QOSOR meta din l-interpretazzjoni tkun inkwadrata fid-dawl tar-Rikors ta' l-Appell dettaljat tat-8 ta' April tas-sena 2008 ta' l-istess Rikorrenti li kien fih erbgħa u sittin paġna u li evidentament ir-Rikorrenti ried jimxi skrupolozament mad-dettat ta' l-Artikolu 419 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imma li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq miżgwidazzjoni ta' l-Eċċezzjoni Preliminari ta' l-Avukat Ġenerali, ikkonkluda mod ieħor u b'hekk ġew miksura vjolentament id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tar-Rikorrenti kif hawn qed jiġi mfisser f'dan ir-Rikors u kif qed jiġi mitlub a bażi ta' dawn id-diversi talbiet urġentissimi li qiegħed jissottometti l-esponenti Norman Lowell : ID number 621346(M).

(25) illi l-Esponenti qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti biex tiddikjara li s-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008 kisret ukoll l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi fiċ-ċirkostanzi kif qed jiġu mfissra l-Esponenti qed jissottometti li lilu ma ngħatalux smiegħ imparzjali fis-sens illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddikjarat l-Appell tiegħu tat-8 ta' April, 2008 bħala irritu u null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu a bażi tal-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008, u b'hekk ċaħdet lill-Appellanti bħala individwu minn sentenza fuq il-mertu ta' l-appell li huwa

kien intavola mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu, 2008 u bid-Deċiżjoni tagħha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali vvjolat is-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

(26) illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kisret ukoll is-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea meta bid-deċiżjoni tagħha nhar il-15 ta' Ottubru, 2008 eludiet id-dritt fundamentali ta' kull akkużat li għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-Liġi, u ma setax fiċ-ċirkostanzi l-Esponenti jiġi ppruvat ħati skond il-Liġi meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddikjarat l-Appell ta' l-Esponenti tat-8 ta' April, 2008 bħala irritu u null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu li fiċ-ċirkostanzi vvjolixxa dan id-dritt fundamentalissimu ta' l-Esponenti a bażi tas-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

(27) illi l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-Appell Numru 83/08 – DS fis-Sentenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Norman Lowell" ivvjolat is-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea partikolarment paragrafi (b) u (c) fis-sens illi ġaladarba l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kienetx konvinta li l-Fatti fil-Qosor kif esegwihom l-Esponenti fir-Rikors ta' Appell tiegħu tat-8 ta' April, 2008, ma kienux konformi ma' l-interpretazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif hija stess fissrithom f'paġna 6 tas-sentenza ta' sitt faċċati u kwart tagħha, allura l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet fid-dmir li tirreferi l-kwistjoni lil din il-wisq Onorabbli Qorti mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' Appell illi hemm mogħti fl-istess Liġi, u anka li jekk hemm bżonn li tagħmel Referenza Preliminari lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja a bażi ta' Artikolu 234 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea ġia' Artikolu 177, u dan għaliex bid-deċiżjoni l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kisret id-dritt illi r-Rikorrenti kellu biex fi kwistjoni bħal din huwa stess imur quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jew jagħmel Referenza Preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, possibilita' li qabel ma ngħatat is-Sentenza tal-15 ta' Ottubru, 2008 ir-Rikorrenti ma ngħatax, u din tinkwadra ruħha fil-paragrafu (b) tas-sub-

artikolu 3 ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u anke li ġie stultifikat id-dritt fundamentali tar-Rikorrenti fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta fis-sens illi l-Liġi tagħti l-opportunita’ anke lill-istess Rikorrenti li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta’ assistenza legali magħżula minnu stess imma ċertament dan irid ikun għal rimedju fil-mertu ta’ l-appell li huwa għamel mis-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti tas-27 ta’ Marzu, 2008, u ċertament mhux fuq kwistjoni ta’ teknikalita’ legali dwar interpretazzjoni tal-frażi FATTI FIL-QOSOR a bażi tas-sub-artikolu 1, paragrafu (a) ta’ l-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u b’dawn in-nuqqasijiet il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008 kisret il-paragrafi (b) u (c) tas-sub-artikolu 3 ta’ l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

(28) illi l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali kisret ukoll fis-sentenza tagħha l-Artikolu 7 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn fis-sub-artikolu 1 ta’ l-Artikolu 7 hawn imsemmi ħadd m’għandu jitqies li jkun ħati ta’ reat kriminali minħabba f’xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond Liġi Nazzjonali jew Internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Huwa evidenti li jekk fil-fehma tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali it-tifsira kif soġġettivament interpretatha dik il-Qorti dwar il-frażi FATTI FIL-QOSOR ma kienetx konformi mal-mod kif ir-Rikorrenti Esponenti bħala Appellanti impustaha fir-Rikors ta’ Appell tiegħu tat-8 ta’ April, 2008 dak ċertament ma kienx reat kriminali w allura saret inġustizzja kbira li l-Esponenti ġie misjub ħati mill-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fuq teknikalita’ legali, soġġetta għal interpretazzjoni li tista’ tvarja minn dik li tagħtha l-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Ottubru, 2008, u għalhekk hemm vjolazzjoni tas-sub-artitkolu 1 ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

(29) illi l-Esponenti Rikorrenti qed jitlob umilment lil din il-wisq Onorabbli Qorti b’referenza għall-Artikolu 13 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta rimedju

effettiv u immedjat quddiem Awtorita' Nazzjonali fis-sens illi ġaladarba jiġu dikjarati li d-Drittijiet u Libertajiet tar-Rikorrenti ġew miksura, huwa għandu jingħata fl-ewwel lok smiegħ espedit f'din il-kawża Kostituzzjonali li huwa qiegħed jintavola u kumpens adekwat kif aċċenna, kif ukoll li bl-ebda mod ma jiġi mminat sakemm jiġu deċiżi dawn il-Proċeduri Kostituzzjonali d-dritt ta' l-Esponenti li jikkontesta bħala Kandidat l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew skedata għal nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2009.

(30) illi fid-dawl tat-Talba preċedenti, l-Esponenti Rikorrenti qiegħed jitlob li jekk għal kull raġuni mmaġinabbli, li tista' tkun legalment u fattwalment fondata, dawn il-Proċeduri Kostituzzjonali nkluż il-versament tagħhom lejn il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu, kif ukoll għal xi Referenza Preliminari lejn il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea sitwata fil-Lussumburgu, l-ebda Awtorita' Nazzjonali fil-gżejjer Maltin u Għawdxin ma għandha timpedixxi sakemm ikun hemm deċiżjoni definittiva f'dawn il-Proċeduri Kostituzzjonali u dawk li jistgħu jsegwu warajhom, li l-Esponenti Rikorrenti ma jitħalliex jikkontesta bħala Kandidat għall-Elezzjoni Ġenerali għall-Parlament Ewropew skedata għal jum is-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2009, jew kwalsiasi data oħra li tista' tkun skedata u li fihom isiru l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew minn Kandidati eliġibbli fil-gżejjer Maltin u Għawdxin fil-jum jew għall-jum ta' tali elezzjoni.

(31) illi referenzjalment għaz-żewġ talbiet preċedenti, l-Esponenti qiegħed jitlob ukoll li tali direttivi li jistgħu ikunu mogħtija minn din il-Qorti sia fl-Ewwel Istanza kif ukoll bħala Qorti ta' l-Appell għandhom jiġu komunikati lill-Awtoritajiet kollha Kompetenti fil-gżejjer Maltin u Għawdxin biex dan id-dritt fundamentali tal-Esponenti li jikkontesta bħala Kandidat għall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew preżenzjalment skedati għal nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2009 imma li għandhom ikopru kwalsiasi bdil ta' dik id-data jekk ikun il-każ, għandhom jigu enforzati fis-sens illi l-ebda Awtorita' ma timpedixxi lill-istess Esponenti milli jkun hekk jista' jikkontesta sakemm ikun hemm eżitu definittiv kemm mill-Qrati tal-Ġustizzja Maltin kif ukoll minn

dawk fl-Unjoni Ewropea, sia fi Strasbourg kif ukoll fil-Lussumburgu fuq din il-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-frażi FATTI FIL-QOSOR fil-qasam tal-Proċedura Kriminali u partikolarment fl-istadju ta' l-appell kif inhuwa l-każ odjern fid-dawl tas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-Appell Numru 83/08 – DS fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Norman Lowell".

(32) illi għal kull buon fin l-Esponenti jirreferi għat-Tielet Skeda b'referenza għall-Artikolu 4A fil-paragrafi 22 sa 25 tar-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u fejn l-Esponenti Rikorrenti qiegħed umilment jitlob li sa fejn dan ikun aplikabbli għalih fil-parametri tat-talbiet tiegħu kif hawn fuq suesposti, jigu wkoll applikati għalih b'ordni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti.

(33) illi fid-dawl tat-talbiet kif hawn fuq ġew esposti mir-Rikorrenti Esponenti, u fil-parametri tal-kontenut fl-intier tiegħu kollu ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali urġentissimu odjern, l-Esponenti qiegħed formalment jitlob lil din il-Qorti biex tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-Appell Numru 83/08 – DS, fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet "Il-Pulizija – vs- Norman Lowell" hija nulla w ineffettiva, mhux ezegwibbli u mhux enforzabbli u dan billi vvjolat vjolentament il-Kostituzzjoni ta' Malta Repubblika, il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Liġi ta' l-Unjoni Ewropea fid-dawl u a bażi tad-diversi referenzi legali u fattwali li saru fit-talbiet kif hawn fuq suesposti u fil-parametri tal-kontenut fl-intier tiegħu kollu ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali urġentissimu odjern, inkluż it-tliet Dokumenti li ġew mehmuża fl-Elenku ta' Dokumenti u ndikati bħala Dokument IE1, IE2, u IE3.

(34) illi fiċ-ċirkostanzi din il-wisq Onorabbli Qorti għandha tikkundanna lill-intimati kollha nġunti jew lil min min minnhom biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha ġudizzjarji w extra ġudizzjarji ta' dawn il-proċeduri u li tobbligahom li jaraw li r-rimedji u l-kumpens li qed jintalbu minn din il-Qorti jiġu esegwiti a favur tar-Rikorrenti Esponenti partikolarment fl-ordni li sakemm ikunu

magħrufa l-eżitu finali ta' dawn il-Proċeduri, id-dritt tal-Esponenti li – *inter alia* – jikkontesta bħala Kandidat għall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tkun liema tkun id-data li fihom isiru, dan bl-ebda mod ma jiġi affettwat inkluż kwalsiasi possibilita' li bħala Kandidat ikollu biex iferrex il-fehmiet tiegħu fid-Demokrazija tagħna u skond il-Liġijiet ta' Malta fuq kull mezz possibbli ta' komunikazzjoni, kopranti x-Xandir, l-Istampa, kull forma ta' komunikazzjoni bil-miktub, kull forma ta' komunikazzjoni bil-fomm, u s-sistemi abbinati u marbutin mal-*website*s u komunikazzjonijiet elettronici permezz ta' l-*internet*, u dan sabiex jiġi assigurat li fil-konfront ta' l-Esponenti Rikorrenti l-ġustizzja mhux biss trid issir imma tidher li qegħda ssir.

(35) illi fiċ-ċirkostanzi ta' dak kollu li qed jintalab mill-Esponenti Rikorrenti fit-talbiet tiegħu kif hawn fuq suesposti, inkluż il-possibilita' ta' Referenza Preliminari lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Lussumburgu, din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Ġuristizzjoni Kostituzzjonali tagħha għandha tagħti dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi biex b'hekk id-Demokrazija tagħna tiġi mħarsa u l-Ġustizzja mhux biss issir imma apertament u b'mod demokratiku, trasparenti, u in konformi mal-Liġijiet kollha ta' Malta u dawk ta' l-Unjoni Ewropea, id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Esponenti Rikorrenti jiġu mħarsa u salvagwardati.

(36) illi finalment l-Esponenti Rikorrenti qiegħed umilment jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti, fid-dawl ta' dawn it-talbiet kollha kif hawn fuq suesposti, li din il-wisq Onorabbli Qorti wkoll tagħti provvediment fiċ-ċirkostanzi temporanju billi tissospendi l-esekuzzjoni tas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ippresjeduta mill-Onorevoli Imħallef David Scicluna, fl-Appell Numru 83/08 – DS, fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Norman Lowell" u dan sakemm ikun magħruf l-eżitu finali ta' dawn il-Proċeduri Kostituzzjonali nkluż kwalsiasi referenza li tista' ssir fiċ-ċirkostanzi kemm lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Lussumburgu kif ukoll lill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fi Strasbourg, u dan biex jiġi nkwadrat il-

principipju fundamentali li l-ġustizzja trid tkun trasparenti u li mhux biss issir imma li fiċ-ċirkostanzi tidher li qegħda ssir.

78. Tant għandu x'jissottometti umilment l-Esponenti Rikorrenti għas-savju ġudizzju ta' din il-wisq Onorabbli Qorti li tagħha huwa dejjem jibqa' s-serv fedelissimu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta preliminari ta' l-intimati, ppreżentata fit-23 ta' Frar 2009, li permezz tagħha eċċepew:

Illi l-esponent Avukat Ġenerali jirrileva li ġie notifikat bir-rikors promotur u bl-Avviż tas-Smiegħ biss fl-20 ta' Frar 2009 u dan b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kien datat 9 ta' Frar, 2009. Għaldaqstant l-intimati jitolbu aktar żmien sabiex iressqu risposta ulterjuri peress li ma kellhomx ħin biżżejjed biex jippreżentaw risposta dettaljata u dan anki in vista tar-rikors promotur li huwa volomunuż.

Illi f' dan l-istadju l-intimati jeċċepixxu s-segwenti:

Illi *in linea* preliminari l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja w Affarijiet Interni u Onorevoli Prim Ministru bħala Kap tal-Gvern ta' Malta m' humiex il-leġittimi kontradditturi a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi preliminarjament ukoll, ir-rikors promotur kif redatt huwa wieħed neboluż u ma jissodisfax ir-rekwiżiti tar-Regolament 3(1) u (2) tar-Regoli ta' l-2008 dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni *ai terminu* ta' l-Avviz Legali 279 ta' l-2008.

In fatti minn qari ta' l-istess rikors mill-ewwel jiġi nnotat li l-fatti m'humiex miktubin b'mod konciz u ċar; kif ukoll, li fil-premessi hemm ukoll inklużi xi talbiet filwaqt li fejn hemm indikat talbiet mhux ċar ir-rimedju mitlub;

Illi *in linea* preliminari, ir-rikors promotur huwa wieħed frivolu u vessatorju *stante* li mhux għajr appell mid-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Norman Lowell" (App. Nru 83/08DS)

mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2008. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza lokali, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' reviżjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk Qrati oħra ddeċidewx il-kawżi sew jew le, iżda biss jekk tali deċiżjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi kif allegati fir-rikors promotur.

F'dan l-istadju l-intimati jopponu t-talba mressqa mir-rikorrenti għall-urġenza tar-rikors promotur u dan peress li kien l-istess rikorrent li wera li l-istess rikors mhux ta' natura urġenti. Infatti l-esponenti jiġbdu l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li filwaqt li s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ingħatat fil-15 ta' Ottubru 2008, kien biss fid-9 ta' Frar 2009 li r-rikorrent għoġbu jippreżenta r-rikors kostituzzjonali odjern u dan *nonostante* li kif stqarr huwa stess kellu l-ħsieb li jikkontesta l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u kien fatt magħruf li dawn l-elezzjonijiet se jsiru f'Ġunju 2009;

Illi l-esponenti jirrilevaw li *stante* li l-mertu ta' dan ir-rikors diġa' ġie ampjament trattat quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni ta' l-atti proċesswali fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Norman Lowell" deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Ottubru, 2008;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti bħala wieħed frivolu u vessatorju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-intimati kollha, ppreżentata fit-2 ta' Marzu 2009, li permezz tagħha esponew:

Illi din ir-risposta qed tiġi ppreżentata wara li l-esponenti ingħataw il-fakulta' minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2009.

Illi filwaqt li jżommu ferm l-eċċezzjonijiet li diga' ġew eċċepiti fir-risposta preliminari għandu s-segwenti x'iżidu:

Illi in suċċint l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti fl-interpretazzjoni li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008 għall-frażi *"Fatti fil-Qosor"* li hija wieħed mir-rekwiżiti għall-validita' ta' rikors ta' appell a tenur ta' l-Artikolu 419(a) tal-Kodiċi Kriminali. Huwa jilmenta li bl-interpretazzjoni soġġettiva li tat il-Qorti, b'konsegwenza li ddikjarat l-istess appell bħala wieħed null, fuq teknikalita' legali illedietlu diversi drittijiet fundamentali tiegħu peress li ma ddeċidietx fuq il-mertu ta' dak l-appell. Dan kollu fl-isfond tad-dikjarazzjoni tar-rikorrent li huwa jrid jikkontesta l-elezzjoni għall-Membru fil-Parlament Ewropew.

Illi wħud mill-esponenti diġa' eċċepew li fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu msemmija fir-rikors promotur u dan għar-raġunijiet li l-esponenti qed jelenkaw f'din ir-risposta;

1. Dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

i. Illi r-rikorrent ilmenta, b'referenza għal dan l-artikolu, li bl-interpretazzjoni tagħha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-frażi *"fatti fil-qosor"* marret kontra l-interess pubbliku li kellu kull dritt li jkollu tifsira ċara fid-dawl tal-akkużi;

ii. Illi l-esponenti jirrilevaw li dan l-artikolu jelenka d-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu u huwa biss artikolu dikjarattiv u ma jikkonċernax is-sustantiv;

iii. Illi fi kwalunkwe każ, l-istess artikolu jipprovdi speċifikatament li hemm limitazzjonijiet fl-artikoli sussegwenti fil-Kap IV maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija ta' l-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku.

2. Dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:

i. Illi r-rikorrent jilmenta li s-sentenza in kwistjoni ivvjolatlu d-dritt hekk kif sanċit mill-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea liema artikoli jipprovdu li kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi ppruvat jew ikun wieġeb li hu ħati. Dan peress li s-sentenza caħditlu d-dritt li jkollu sentenza fuq il-mertu ta' l-akkużi li nġabu fil-konfront tiegħu u li l-ewwel Qorti sabitu ħati tagħhom.

Illi dawn l-artikoli m'humiex applikabbli għall-*fattispecie* ta' dan il-każ u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent ma sofra ebda vjolazzjoni taħt dawn l-artikoli. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha applikat il-liġi li hija ċara fid-disposti tagħha. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li ma jottemporax ruħu mar-rekwiżiti proċedurali akkost ta' kollox. Il-liġi qegħda hemm biex tiġi rispettata minn kulhadd! Minn imkien ma jirriżulta li Qorti ma tistax tiddeċiedi każ li jkollha quddiemha fuq eċċezzjoni preliminari bil-konsegwenza li ma tiddeċidix dwar il-mertu.

ii. Illi r-rikorrent jilmenta wkoll li ġie vvjolat id-dritt tiegħu hekk kif protett mill-artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Għaldaqstant ir-rikorrent qiegħed jilmenta li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ċaħditlu d-dritt li jiddefendi ruħu personalment meta naqset li tippronunzja ruħha fuq il-mertu ta' l-appell minħabba teknikalita' legali.

Illi bir-rispett kollu, l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif ir-rikorrent qed jinvoka vjolazzjoni ta' dan id-dritt u dan meta jirriżulta, anki mir-rikors promotur innifsu, li r-rikorrent altru milli tħalla jkollu l-possibilita' li jiddefendi ruħu. Il-fatt li s-sentenza mogħtija ddikjarat l-appell tiegħu bħala null ma jwassalx għal vjolazzjoni ta' dan id-dritt. Għaldaqstant ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent hekk kif protetti mill-artikoli 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea;

iii. Illi r-rikorrent jillamenta wkoll li kien hemm ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fl-intier tiegħu.

Illi l-esponenti jissottomettu li ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fl-intier tiegħu u jirrilevaw li r-rikorrent naqas li jindika b'mod ċar kif dan l-artikolu ġie vvjolat.

iv. Illi r-rikorrent ilmenta wkoll li ġie leż id-dritt tiegħu kif sanċit mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa sostna li ngħatax smiegħ imparzjali mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li tidher li ġiet influwenzata mill-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali dwar ir-tifsir tal-frazi *"fatti fil-qosor"* u li allura fuq teknikalita' legali ddikjarat ir-rikors tiegħu bħala null.

Illi skond ir-rikorrent, l-artikolu 6(1) jagħmilha obbligatorja fuq il-Qorti li tagħti sentenza pubblika b'xi eċċezzjonijiet u b'sentenza wieħed jifhem li l-Qorti tidħol fil-mertu. Għaldaqstant a darba l-Qorti waqfet fuq punt preliminari kisret dan id-dritt tiegħu.

Illi l-intimati jiċħdu li ġie vvjolat dan id-dritt tar-rikorrent a tenur ta' l-artikolu 6(1) u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi f'dan l-istadju jikkummentaw biss li qari akkurat ta' dan l-artikolu ma jista' qatt iwassal għall-fatt li l-artikolu 6 jimponi obbligu fuq Qorti li ma tiddeċidix każ quddiemha fuq eċċezzjoni preliminari jew preġudizzjali sollevata u tieqaf hemm, iżda trid bilfors tiddeċiedi dwar il-mertu tal-

każ. Tali affermazzjoni ma tirriżultax la mill-liġi u wisq anqas mill-ġurisprudenza.

3. Dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea:

i. Illi dawn l-artikoli jipprovdu li ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi meta jkun sar;

ii. Illi r-rikorrent isostni li huwa nstab ħati fuq il-fatt li l-fatti fil-qosor ġew interpretati mill-Qorti bħala li ma kienux esponsi minnu fl-appell tiegħu meta dan ma kienx il-każ;

iii. Illi fl-ewwel lok jingħad li dawn l-artikoli ma japplikawx għall-każ odjern;

iv. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati jiċħdu li ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti minn dawn l-artikoli. Bl-ebda tiġbid ta' immaġinazjoni ma jista' qatt jingħad li għaliex il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddeċidiet kif iddeċidiet b'daqshekk iwassal għall-ksur ta' dawn l-artikoli.

4. Dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 17 u 18 tal-Konvenzjoni Ewropea:

i. Illi r-rikorrent jilmenta li bid-deċiżjoni fuq teknikalita' legali ġie miċħud id-dritt tiegħu biex ikollu sentenza ġusta u trasparenti billi l-artikolu 18 itenni li r-restrizzjonijiet premessi skond il-Konvenzjoni Ewropea m'għandhomx jiġu applikati għal xi skop ieħor ħlief dawk li għalihom huma ikunu ġew preskritti, u ċertament wieħed minn dawn m'humiex l-interpretazzjoni restrittiva tal-frażi *"fatti fil-qosor"* a bażi ta' eċċezzjoni preliminari;

ii. Illi l-esponenti filwaqt li ma jaqblux ma' l-interpretazzjoni mogħtija mir-rikorrent ta' dawn l-artikoli,

jgħidu biss f'dan l-istadju li dawn l-artikoli huma biss dikjarattivi.

5. Dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 1 sa 5 tas-seba' protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

i. Illi r-rikorrent ilmenta li ġew vjolati d-drittijiet tiegħu hekk kif sanċiti mill-artikoli 2(1), 3 u 4 tas-seba' protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii. Illi m'hemm xejn fir-rikors promotur li jindika li l-intimati lledew dawn id-drittijiet tar-rikorrent. F'dan l-istadju għalhekk l-esponenti jiċħdu li b'xi mod ivvjolaw dawn id-drittijiet tar-rikorrent.

6. Dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea:

i. Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll ksur fil-konfront tiegħu ta' dan l-artikolu;

ii. Illi ma jista' qatt ikun hemm dikjarazzjoni ta' ksur ta' dan l-artikolu peress li l-istess artikolu jagħti t-tifsir tal-kliem kif użati fil-Konvenzjoni Ewropea.

7. Dwar l-allegat ksur ta' l-Artikoli ta' l-Ewwel, Raba' u Sitt Prokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

i. Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll ksur fil-konfront tiegħu ta' dan l-artikolu;

ii. Illi m'hemm xejn fir-rikors promotur li jindika li l-intimati lledew dawn id-drittijiet tar-rikorrent li ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-*fattispecie* tar-rikors promotur. F'dan l-istadju għalhekk l-esponenti jiċħdu li b'xi mod ivvjolaw dawn id-drittijiet tar-rikorrent.

8. Dwar l-allegat obbligu tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali a tenut ta' l-Artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni Ewropea:

i. Illi r-rikorrent irrefera diversi drabi fir-rikors promotur li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jekk kellha xi dubju dwar l-interpretazzjoni ġusta tal-frazi *"fatti fil-qosor"* u in vista li din kienet timpinġi direttament fuq id-drittijiet u libertajiet fundamentali tiegħu, kellha l-obbligu li tagħmel referenza lill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) jew tagħmel referenza preliminari lil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja a bażi ta' l-artikolu 234 tat-Trattat. Peress li l-Qorti naqset li tagħmel dan isostni li lleditu d-drittijiet tiegħu;

ii. Illi dwar dan l-esponenti jirrilevaw li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kellha l-ebda obbligu kif affermat mir-rikorrent u dan peress li (a) il-Qorti ma kellha l-ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tal-frazi *"fatti fil-qosor" stante* li kellha l-liġi fuq x'hiex timxi u ġurisprudenza dwar dan il-punt li hija kostanti; (b) il-Qorti ma kellha quddiemha l-ebda kwistjoni li b'xi mod kienet tittratta jew tmiss xi punt ta' xi liġi ta' l-Unjoni Ewropea u allura żgur li l-ebda referenza ma setgħet issir la minn dik il-Qorti u lanqas minn din il-Qorti kif presjeduta hekk kif mitluba mir-rikorrent fit-talba numru 24 f'paġna 52; (c) il-Qorti ma kellha quddiemha l-ebda kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikoli rispettivi tal-Konvenzjoni Ewropea. Fi kwalunkwe każ, jekk ir-rikorrent ħass li bid-deċiżjoni li kienet se tagħti l-Qorti fuq il-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali kienet se tiksirlu xi dritt fundamentali tiegħu messu talab li ssir tali referenza lill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) huwa stess;

iii. Illi għaldaqstant ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-rikorrent hekk kif pretiz.

9. Dwar ir-rimedji mitluba mir-rikorrent:

i. Ir-rikorrent qed jitlob li jiġi applikat l-artikolu 4A(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u li jitħallas taħt l-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll.

Illi dan l-artikolu mhux applikabbli f'dan il-każ u dan kif se jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

ii. Ir-rikorrent talab ukoll li s-sentenza tal-15 ta' Ottubru, 2008 għandha tiġi dikjarata nulla u l-atti jintbagħtu lura lill-istess Qorti u huwa jitpoġġa fil-pożizzjoni ta' *status quo ante.*

Illi l-esponenti in vista tar-risposta tagħhom isostnu li s-sentenza msemmija hija valida u peress li ma llediet l-ebda drittijiet tar-rikorrenti m'għandhiex tiġi dikjarata nulla.

iii. Illi r-rikorrent qed jitlob li jingħata rimedju effettiv u immedjat. Infatti qed jitlob li sakemm ikun hemm deċiżjoni definittiva dwar ir-rikors promotur huwa m'għandux ikun impedit milli jikkontesta l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew. B'hekk qed jitlob li l-qorti għandha tagħti tali direttiva li għandha tiġi komunikata lill-awtoritajiet.

Illi l-intimati jenfasizzaw li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali hija waħda finali bl-effetti kollha tagħha u ċertament l-ebda ordni ta' sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tagħha m'għandu jingħata.

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti bħala wieħed frivolu u vessatorju bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti processwali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' April 2009 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ir-rikorrenti qed jitlob illi din il-Qorti tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali illi fuq

preġudizzjali sollevat mill-Avukat Ġenerali iddikjarat null l-appell tiegħu mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kisret id-drittijiet fundamentali tiegħu protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea relattiva. Il-Qorti ta' l-Appell imsemmija ddeċidiet li r-rikors ta' l-appell kien null għaliex naqas li jindika l-fatti tal-każ kif jirrikjedi l-Kodiċi Kriminali. Ma hemmx għalfejn jingħad li l-Qorti imxiet fuq diversi sentenzi oħra tagħha stess li jmorru lura ħafna snin.

Wieħed jifhem allura (għaliex *stante* l-voluminosita' tar-rikors wieħed irid jgħarbel sew biex isib il-lanjanzi attwali) li l-kawżali tar-rikorrenti naturalment hija li fiċ-ċirkostanzi huwa ġie privat mill-hekk imsejjaħ *doppio esame* għaliex naturalment meta jiġri hekk il-Qorti ma tidħolx fil-mertu ta' l-appell. Allura jargumenta r-rikorrent li huwa ġie privat mir-rikors (fis-sens ta' aċċess) għall-Qorti (f'dan il-każ ta' l-appell). Ir-rikorrent qed jagħmel ukoll talbiet oħra li pero' jsegwu t-talba principali ossija li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell minħabba f'dak li ġia' ssemma għandha tiġi dikjarata bla effett.

Kif qalet din l-istess Qorti f'kawża riċenti **"Richard Spiteri et vs Avukat Ġenerali"** (27 ta' Frar 2009) f'każ analogu, *"Fil-każ in eżami in-nullita' tal-atti hija espressament prevvista mill-liġi. Id-dritt ta' appell lill-Qorti Kriminali hu wkoll regolat b'liġi u ristizzjonijiet imposti għandhom l-għan legittimu li jirregola l-proċeduri fl-ahjar interess tal-ġustizzja. Il-proċedimenti qudiem dik il-Qorti u l-mod kif għandhom jiġu konfezzjonati l-atti quddiemha huma ben noti u ilhom iż-żmien jiġu prattikati u magħrufa minn kull min jipprattika quddiem dik il-Qorti. Hemm ġurisprudenza kostanti li tmur lura s-snin li nuqqas bhal dak imsemmi fl-artikolu 419 igib in-nullita' ta' l-appell. Il-Qorti issib li hemm proporzjonalita' bejn il-mezz adoperat u l-għan li jrid jintlaħaq għax altrimenti ikun hemm rebus sħiħ fil-proċedura u l-mod kif tiġi amministrata l-ġustizzja."*

Il-Qorti taqbel perfettament ma dak il-pronunzjament u se tirriproduċi ukoll numru ta' kummenti fuq jew minn pronunzjamenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ġew ukoll indikati fl-istess sentenza:

*"The right of access to court is not absolute but subject to limitations. By its very nature it calls for regulation by the state which may vary intime and in place according to the needs and resources of the community.* **(Golder para. 38).**

*The state has a margin of apprecation in making such regulations but the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way that the very essence of the right is impaired. In addition a limitation shall not be compatible with article 6 (1) if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved.* **(Ashingdane para. 57).**

*Procedural and practical impediments may contravene the Convention where they operate to bar effective access to Court.* **(Golder para 28).**

*Time limits imposed on the bringing of claims are acceptable in the interests of good administration of justice.* **(Stubbings para 51).**

*There is no right to appeal contained in the Convention itself. However where a judical system provides appeals the fundamental guarantees of article 6 will apply.* **(Delcourt para 25-26).**

*Having regard to the fact that in many contracting states higher instances take different forms, this is subject to the rider that the way in which article 6 applies will depend on the special features of the proceedings. This includes consideration of the functions in law and practice of the appellate body, its powers and the manner in which the interests of the parties are presented and protected.* **(Monnell and Morris para. 56).**

*There can therefore be no right as such to any particular kind of appeal or manner of dealing with appeals".* **(A practitioner's guide to the European Convention of Human Rights – K Reid).**

Fil-każ in eżami għalhekk, la darba skond il-Qorti ta' l-Appell ir-rikors kien null, ir-rikorrent ma jistax jilmenta li dan il-fatt kisirlu xi dritt fundamentali u eżami ulterjuri ta' jekk ir-rikors kienx null jew le ikun ċertament jikkostitwixxi appell minn appell kif donnu qed jitlob ir-rikorrent, xi ħaġa li l-liġi tagħna imkien ma tipprovdi.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------